ISSN 1725-5104

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 114

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

7 ta' Mejju 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 369/2009 tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 370/2009 tas-6 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 795/2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-ħlas waħdieni li hemm provvediment dwarha fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003** 3

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2009/3/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl** [1] 10

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

(Ikompli fil-paġna ta' wara)

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

IV *Atti oħrajn*

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

Awtorità ta' Sorveljanza EFTA

★ **Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 368/06/COL tad-29 ta' Novembru 2006 dwar il-bejgħ tal-ishma tal-Istat Iżlandiż fi Sementsverksmiðjan hf. (L-Iżlanda)** 14

MT

I

(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 369/2009

tas-6 ta' Mejju 2009

li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-7 ta' Mejju 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

---

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

[2] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

ANNESS

il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

(EUR/100 kg)

Kodiċi NM	Kodiċi tal-pajjiż terz (1)	Valur fiss tal-importazzjoni
0702 00 00	MA	71,9
	TN	115,0
	TR	141,3
	ZZ	109,4
0707 00 05	JO	155,5
	MA	32,7
	TR	135,3
	ZZ	107,8
0709 90 70	TR	118,7
	ZZ	118,7
0805 10 20	EG	41,2
	IL	60,3
	MA	46,8
	TN	49,5
	TR	98,3
	US	55,4
	ZZ	58,6
0805 50 10	TR	41,7
	ZA	69,9
	ZZ	55,8
0808 10 80	AR	77,4
	BR	71,5
	CA	114,7
	CL	79,5
	CN	94,5
	NZ	102,5
	US	121,6
	UY	71,7
	ZA	81,2
	ZZ	90,5

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 370/2009

tas-6 ta' Mejju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 795/2004 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema tal-ħlas waħdieni li hemm provvediment dwarha fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 tad-19 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jirrevoka ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 34(2), it-tieni subparagrafu l-Artikolu 142(c), (d) u (g) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 stabbilixxa regoli ġodda għall-iskema ta' ħlas waħdieni, li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2009. B'konsegwenza, għandhom jiġu adattati r-regoli ta' implimentazzjoni li huma mniżżlin fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 795/2004 ([2]).

(2) It-tifsiriet stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 795/2004 għandhom jirriflettu l-estensjoni tal-eliġibbiltà tal-oqsma skont l-iskema ta' ħlas waħdieni.

(3) Id-dispożizzjonijiet dwar l-eliġibbiltà kif inhuma stipulati fl-Artikolu 3b tar-Regolament (KE) Nru 795/2004 huma skaduti u għalhekk għandhom jitneħħew. Madankollu, l-Artikolu 34(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jinkludi l-użu ta' ettari eliġibbli għal attivitajiet mhux agrikoli. Għandu jiġi stabbilit qafas ta' kriterji għall-Istati Membri kollha.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 itemm is-serħan tal-art u jneħħi xi wħud mil-limitazzjonijiet relatati mad-drittijiet għall-pagamenti maħruġa mir-riżerva nazzjonali, u għalhekk id-dispożizzjonijiet dwar dawn huma skaduti.

(5) L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 795/2004 għandu jkun iċċarat fir-rigward tar-referenzi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 ([3]) u għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 ma jipprovdix iktar għal regoli speċjali dwar il-proċedura ta' applikazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni fl-ewwel sena tal-applikazzjoni tagħha. Konsegwentament ir-regoli rilevanti fir-Regolament (KE) Nru 795/2004 għandhom jiġu addattati.

(7) F'każ li l-kera msemmija fl-Artikoli 20 u 22 jew il-programmi msemmija fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 795/2004 jiskadu wara l-aħħar data mit-tfigħ tal-applikazzjoni skont l-iskema ta' ħlas waħdieni fl-ewwel sena tal-applikazzjoni tagħha, id-data tal-għeluq għall-applikazzjoni għall-istabbiliment tad-drittijiet għall-pagamenti għandha tiġi estiża sabiex tippermetti lill-bdiewa biżżejjed żmien sabiex iressqu applikazzjoni li tirrifletti s-sitwazzjoni attwali tal-azjenda.

(8) Il-limitazzjoni reġjonali kif inhi ffissata fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 795/2004 għandha tiġi adattata għall-Artikolu 43(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(9) Billi d-dispożizzjonijiet dwar is-serħan tal-artijiet obbligatorju skadew, il-kundizzjonijiet għandhom jinżammu fl-2009 għas-serħan tal-artijiet volontarju kif ipprovdut fl-Artikolu 107 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

(10) Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li japplikaw l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, id-data tal-għeluq u l-kontenut tal-komunikazzjoni ta' din l-applikazzjoni lill-Kummissjoni għandhom ikunu ffissati.

(11) Għandha ssir dispożizzjoni għar-regoli għall-Istati Membri l-ġodda li qegħdin jimxu mill-iskema ta' ħlas waħdieni skont iż-żona għall-iskema ta' ħlas waħdieni. Dawn ir-regoli għandhom ikopru b'mod partikolari l-allokazzjoni inizjali tad-drittijiet għal ħlas u tad-drittijiet speċjali kif ukoll in-notifikazzjoni tad-deċiżjoni.

(12) Ir-Regolament (KE) Nru 73/2009 jipprovdi sabiex jingħata appoġġ dirett skont l-iskema ta' ħlas waħdieni għall-produtturi tal-inbid b'mod partikolari permezz tat-trasferiment mill-programmi ta' appoġġ għall-inbid fl-iskema ta' ħlas waħdieni. Ir-regoli dettaljati li għandhom x'jaqsmu mal-allokazzjoni tad-drittijiet għandhom għalhekk jiġu adottati. Dawk ir-regoli dettaljati għandhom isegwu l-istess linji bħal dawk stabbiliti diġà fir-Regolament (KE) Nru 795/2004 fir-rigward tas-settur tal-frott u l-ħxejjex.

([1]) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16.
([2]) ĠU L 141, 30.4.2004, p. 1;
([3]) ĠU L 270, 21.10.2003, p.1.

(13) Għall-bdiewa li diġà huma allokati, jew dawk li biegħu jew irċevew id-drittijiet għal ħlas sal-aħħar data sabiex japplikaw għall-istabbiliment ta' drittijiet għal ħlas iffissati skont ir-Regolament (KE) Nru 795/2004, il-valur u l-għadd tad-drittijiet għal ħlas għandhom jerġgħu jiġu kkalkulati mill-ġdid. Drittijiet għal ħlas li huma soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali m'għandhomx jitqiesu f'dan il-kalkolu.

(14) L-Istati Membri li japplikaw il-mudell reġjonali stabbiliti fl-Artikolu 59(1) u (3) jew fl-Artikolu 71f tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, għandhom jingħataw is-setgħa sabiex jiffissaw l-għadd ta' drittijiet għal ħlas għal kull bidwi b'riżultat mit-trasferiment tal-programmi ta' appoġġ għall-inbid skont il-Parti C tal-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(15) Għandha ssir dispożizzjoni fir-rigward tal-medja reġjonali fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-valur tad-drittijiet għal ħlas meta tiġi applikata l-Parti B tal-Anness IX (tqaċċit) għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(16) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 795/2004 jiffissa d-data li minnha l-uċuħ tar-raba' sekondarji jistgħu jkunu temporanjament awtorizzati fir-reġjuni fejn is-soltu ċ-ċereali jinħasdu qabel minħabba raġunijiet klimatiċi, skont l-Artikolu 38, it-tieni paragrafu tar-Regolament (KE) Nru 73/2009. Fuq talba ta' Spanja, dati differenti għandhom jiġu ffissati għar-reġjuni differenti ta' dak l-Istat Membru sabiex jitqiesu l-kundizzjonijiet agronomiċi u klimatiċi differenti. L-anness għandu jiġi aġġornat ukoll sabiex iqis l-eliġibbiltà tal-frott u l-ħxejjex f'dawk l-Istati Membri li ma japplikawx l-integrazzjoni diferita.

(17) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 795/2004 għandu jiġi emendat skont dan.

(18) L-emendi proposti għandhom japplikaw mid-data ta' meta jibda japplika r-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(19) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Ħlasijiet Diretti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 795/2004 hu emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 hu emendat kif ġej:

(a) Il-punt (a) jitħassar.

(b) Il-punt (c) jinbidel b'dan li ġej:

"(c) 'uċuħ tar-raba' permanenti' għandha tfisser uċuħ tar-raba' kkultivati mingħajr rotazzjoni minbarra mergħat permanenti li jokkupaw l-art għal ħames snin jew aktar u li tagħti ħsad ripetutament inkluż mixtliet, u msaġar ta' rotazzjoni qasira (kodiċi NM ex 0602 90 41);"

(c) Il-punt (d) jitħassar.

(d) Il-punt (f) jinbidel b'dan li ġej:

"(f) 'art għall-mergħa' għandha tfisser art li tinħadem li tintuża għall-produzzjoni tal-ħaxix (miżrugħ jew naturali); għall-finijiet tal-Artikolu 49 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 (*) art għall-mergħa għandha tinkludi mergħat permanenti;

(*) ĠU L 30, 31.1.2009, p. 16."

(2) L-Artikolu 3b jitħassar.

(3) L-Artikolu 3c li ġej jiddaħħal fil-Kapitolu 1:

"*Artikolu 3c*

Użu agrikolu b'mod predominanti

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 34(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, fejn żona agrikola ta' azjenda qiegħda tintuża wkoll għal attivitajiet mhux agrikoli dik iż-żona għandha titqies li hija wżata b'mod predominanti għall-attivitajiet agrikoli, jekk l-attività agrikola tista' tiġi eżerċitata mingħajr ma tkun imfixkla mill-intensità, min-natura, mit-tul u miż-żmien tal-attività mhux agrikola.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji għall-implimentazzjoni tal-ewwel subparagrafu fit-territorju tagħhom."

(4) L-Artikolu 6 hu emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 3 hu emendat kif ġej:

(i) it-tieni subparagrafu jinbidel b'li ġej:

"Il-valur tal-unità ta' kull dritt għal ħlas li diġà għandu jista' jitla'."

(ii) it-tielet paragrafu jitħassar.

(b) Il-paragrafu 4 jitħassar.

(5) L-Artikolu 7 hu emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel u t-tieni subparagrafi jinbidlu b'dan li ġej:

"Fejn Stat Membru jagħmel użu mill-possibilità pprovduta fl-Artikolu 42(5) tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, huwa jista' b'mod partikolari, jalloka, fuq talba, skont dan l-Artikolu, drittijiet għal ħlas lil bdiewa, fiż-żoni konċernati, li jiddikjaraw anqas ettari mill-għadd li jikkorrispondi mad-drittijiet għal ħlas li għad iridu jew li setgħu ġew allokati skont l-Artikolu 43 ta' dak ir-Regolament jew l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

F'dak il-każ, il-bidwi għandu jċedi lir-riżerva nazzjonali d-dritt kollu għal ħlas li għandu jew li seta' kien allokat, ħlief id-drittijiet għal ħlas soġġetti għall-kundizzjonijiet speċjali msemmija fl-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003".

(b) Il-paragrafu 3 jitħassar.

(c) Il-paragrafu 4 jinbidel b'li ġej:

"4. Il-valur tal-unità tad-drittijiet għal ħlas allokat mir-riżerva nazzjonali għandu jiġi kkalkulat billi l-ammont ta' referenza tal-bidwi jiġi diviż bl-għadd ta' ettari li jiddikjara."

(6) L-Artikolu 8 hu emendat kif ġej:

(a) Fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jinbidel bi:

"Drittijiet għal ħlas mhux użati għandhom jitqiesu li jkunu ddaħħlu lura fir-riżerva nazzjonali fil-jum wara l-aħħar jum għall-modifikazzjoni tal-applikazzjoni skont l-iskema ta' ħlas waħdieni fis-sena kalendarja li fiha l-perjodu msemmi fl-Artikolu 28(3) u 42 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jiskadi."

(b) Il-paragrafu 2 jitħassar.

(7) Fl-Artikolu 9(1), il-punt (c) jitħassar.

(8) Fl-Artikolu 12(4), l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"L-istabbiliment definittiv ta' drittijiet għal ħlas li għandu jiġi allokat fl-ewwel sena tal-applikazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni għandu jkun suġġett għall-applikazzjoni għad-drittijiet ta' ħlas mibgħuta skont id-data tal-għeluq stipulata skont l-Artikolu 21a(3) tar-Regolament (KE) Nru 796/2004."

(9) L-Artikolu 18 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 3 jitħassar.

(b) Il-paragrafu 4 jinbidel b'li ġej:

"4. Fil-każi fejn il-kera msemmija fl-Artikoli 20 u 22 jew il-programmi msemmija fl-Artikolu 23 tiskadi wara l-aħħar data għat-tressiq tal-applikazzjoni taħt l-iskema ta' ħlas waħdieni fl-ewwel sena tal-applikazzjoni tagħha, il-bidwi konċernat jista' japplika għall-istabbiliment tad-drittijiet għal ħlas tiegħu, wara li tiskadi l-kirja jew il-programm, sa data li għandha tiġi ffissata mill-Istati Membri iżda mhux aktar tard mid-data ffissata għall-emenda tal-applikazzjoni għall-għajnuna fis-sena ta' wara."

(10) Fl-Artikolu 23a, jitħassar it-tieni paragrafu.

(11) Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. Il-bdiewa jistgħu jċedu d-drittijiet volontarji għal ħlas lejn ir-riżerva nazzjonali."

(12) L-Artikolu 26 qed jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 jinbidel b'li ġej:

"1. Mingħajr preġudizzju lejn l-Artikoli 50(1) u 62(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 fejn Stat Membru jagħmel użu mill-possibilità pprovduta fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 43(1) ta' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu r-reġjun fil-livell territorjali adattat skont kriterji oġġettivi u b'tali mod li jiġi żgurat trattament ugwali bejn il-bdiewa u li jiġi evitat it-tfixkil tas-suq u tal-kompetizzjoni."

(b) Il-paragrafu 4 jitħassar.

(13) L-Artikolu 32 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 32*

Kundizzjonijiet għas-serħan volontarju tal-artijiet ipprovdut fl-Artikolu 107tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003

1. Iż-żoni mserrħa għandhom jibqgħu hekk għall-perjodu li jibda mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar u li jintemm mhux aktar kmieni mill-31 ta' Awwissu. Iżda, l-Istati Membri għandhom jippreskrivu l-kundizzjonijiet li taħthom il-produtturi jistgħu jkunu awtorizzati li jiżirgħu żerriegħa mill-15 ta' Lulju għall-ħsad fis-sena ta' wara u l-kundizzjonijiet li għandhom jitħarsu biex il-mergħa tkun awtorizzata mill-15 ta' Lulju u, fil-każ ta' kondizzjoni klimatika eċċezzjonali, mill-15 ta' Ġunju fl-Istati Membri fejn iċ-ċaqliq tal-għanem ta' kull staġun minn reġjun għal ieħor jiġi pprattikat b'mod tradizzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri adattati kompatibbli mas-sitwazzjoni speċifika ta' żoni mserrħa sabiex jiżguraw li dawn jinżammu f'kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba u li l-ambjent jitħares.

Dawn il-miżuri jistgħu jinvolvu żoni ta' ħdura. F'dak il-każ, il-miżuri għandhom jassiguraw li ż-żoni ta' ħdura ma jistgħux jintużaw għall-produzzjoni taż-żerriegħa u ma jistgħux jintużaw għal finijiet agrikoli qabel il-31 ta' Awwissu jew, qabel il-15 ta' Jannar ta' wara, biex jitkabbru wċuħ tar-raba' għas-suq.

3. Fil-każijiet msemmija fl-Artikolu 31(c) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-produtturi kollha affettwati sabiex jużaw l-art iddikkjarata bħala mserrħa għall-għalf tal-annimali għas-sena tal-applikazzjoni unika. L-Istati Membri għandhom isegwu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw illi ż-żona mserrħa soġġetta għall-awtorizzazzjoni ma tintużax għal skopijiet ta' qliegħ, u b'mod partikolari biex ma jinbiegħ l-ebda għalf prodott fuq dik l-art imserrħa. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħhom dwar l-awtorizzazzjoni u l-ġustifikazzjoni tagħha."

(14) L-Artikoli 33, 34, 39, 41 u 43 jitħassru.

(15) Fl-Artikolu 48, il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. L-Istati Membri li japplikaw l-Artikolu 72(4) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandhom jikkomunikaw, sa mhux aktar tard mis-7 ta' Ġunju 2009 d-dettalji tal-ħlasijiet li fi ħsiebhom jagħtu, u b'mod partikolari d-deskrizzjoni tal-kundizzjoni ta' eliġibbiltà u t-taqsimiet għal miżuri applikati u r-riżorsi finanzjarji miġbura."

(16) Il-Kapitolu 6a jinbidel b'dan li ġej:

"KAPITOLU 6a

L-ISTATI MEMBRI L-ĠODDA

Implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni fl-Istati Membri l-ġodda li applikaw l-iskema ta' ħlas waħdieni skont iż-żona

Artikolu 48a

Id-dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għajr jekk ipprovvdut xorta oħra f'dan il-Kapitolu, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-Istati Membri li applikaw l-iskema ta' ħlas waħdieni skont iż-żona.

2. Kwalunkwe referenza f'dan ir-Regolament għall-Artikolu 42 tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew għall-Artikolu 41 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandhom jitqiesu bħala referenza għall-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 57(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 l-Istati Membri l-ġodda jistgħu jiffissaw perjodu rappreżentattiv li jkun qabel l-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni.

4. Kwalunkwe referenzi f'dan ir-Regolament għall-'perjodu ta' referenza' għandu jitqies bħala referenza għall-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni jew għall-perjodu ta' referenza kif stipulat fl-Artikolu 59(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Artikolu 48b

Allokazzjoni inizjali ta' drittijiet għal ħlas

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 59(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, għall-finijiet tal-Artikolu 59(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-Istati Membri ġodda għandhom jistabbilixxu l-għadd ta' ettari eliġibbli msemmi f'dak il-paragrafu billi jintuża l-għadd ta' ettari ddikjarati għall-istabbiliment tad-drittijiet għal ħlas fl-ewwel sena tal-applikazzjoni minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri ġodda jistgħu jistabbilixxu l-għadd ta' ettari eliġibbli msemmija fl-Artikolu 59(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 billi jużaw l-għadd ta' ettari ddikjarati għas-sena ta' qabel l-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni.

Fil-każijiet fejn l-għadd ta' ettari eliġibbli ddikjarat mill-bdiewa fl-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni jkun aktar baxx mill-għadd ta' ettari eliġibbli stabbilit skont l-ewwel subparagrafu, Stat Membru ġdid jista' jalloka mill-ġdid, f'parti jew għal kollox, l-ammonti li jkunu jikkorrispondu mal-ettari li ma jkunux ġew iddikjarati bħala suppliment ta' kull dritt għal ħlas allokat fl-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni. Is-suppliment għandu jiġi kkalkulat billi jiġi diviż l-ammont konċernat bl-għadd ta' drittijiet għal ħlas allokati.

3. Il-valur u l-għadd ta' drittijiet għal ħlas allokati abbażi tad-dikjarazzjonijiet tal-bdiewa għall-istabbiliment tad-drittijiet għal ħlas fl-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni għandhom ikunu provviżorji. Il-valur definittiv u l-għadd għandhom ikunu stabbiliti, sal-1 ta' April tal-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni, wara li jitwettqu l-verifiki mwettqa skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004.

4. Fejn Stat Membru jagħmel użu mill-possibilità pprovduta fl-Artikolu 59(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, dan jista' jipproċedi għall-identifikazzjoni tal-ettari msemmija f'dak il-paragrafu u għal verifika preliminari tal-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6, liema proċess jibda mis-sena kalendarja li tiġi qabel l-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 61 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-valur tad-drittijiet għandu jiġi kkalkulat billi jiġi diviż l-ammont imsemmi fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 bl-għadd totali ta' drittijiet allokati fl-ambitu ta' dan il-paragrafu.

5. Il-bidwi għandu jiġi mgħarraf dwar id-drittijiet provviżorji għall-anqas xahar qabel id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni ffissata skont l-Artikolu 56(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

6. Għas-sodisfazzjon tal-Istat Membru l-applikant għandu jagħti prova li, fid-data tal-applikazzjoni għad-drittijiet għal ħlas, huwa bidwi skont it-tifsira tal-Artikolu 2(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

7. Stat Membru jista' jiddeċiedi li jistipula daqs minimu għal kull azjenda skont iż-żona agrikola li għaliha jista' jintalab l-istabbiliment tad-drittijiet għal ħlas. Madankollu, id-daqs minimu ma għandux ikun ikbar mil-limiti stipulati fl-Artikolu 28(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Ma għandu jiġi stipulat l-ebda daqs minimu għall-istabbiliment tad-drittijiet għal ħlas bla ħsara għall-kundizzjonijiet speċjali msemmijin fl-Artikolu 60 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 kif inhu pprovdut fl-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament.

8. Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-applikazzjoni għall-istabbiliment definittiv tad-drittijiet għal ħlas msemmija fil-paragrafu 5 tista' tintbagħat fl-istess żmien tal-applikazzjoni għall-ħlas taħt l-iskema ta' ħlas waħdieni.

Artikolu 48ba

Allokazzjoni ta' drittijiet speċjali

Minkejja l-paragrafi 1 u 2 tal-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament, sabiex tiġi kkalkulata l-attività agrikola espressa f'unitajiet tal-bhejjem (LU) imsemmija fl-Artikolu 44(2) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, l-għadd ta' annimali miżmuma mill-bidwi f'perjodu stipulat mill-Istat Membru għandu jiġi konvertit għal LU filwaqt li jirreferi għat-tabella ta' konverżjoni.

Annimali bovini rġiel u erħat li jkollhom iktar minn 24 xahar, baqar li jreddgħu, baqar tal-ħalib	1,0 LU
Annimali bovini rġiel u erħat li jkollhom bejn sitt xhur u 24 xahar	0,6 LU
Annimali bovini rġiel u nisa li jkollhom inqas minn sitt xhur	0,2 LU
Nagħaġ	0,15 LU
Mogħoż	0,15 LU

Għall-finijiet ta' kontroll tal-attività agrikola minima fl-Istati Membri ġodda għandhom japplikaw il-paragrafi 3 sa 5 tal-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 48bb

Notifikazzjoni tad-deċiżjoni

Fejn Stat Membru ġdid ikollu l-ħsieb li jtemm l-applikazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni skont iż-żona f'konformità mal-Artikolu 122(3) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009, dan għandu jibgħat lill-Kummissjoni, id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-iskema ta' ħlas waħdieni, inkluż l-possibilitajiet skont l-Artikoli 55(3), 57, 59 u 61 ta' dak ir-Regolament kif ukoll l-kriterji oġġettivi abbażi ta' liema deċiżjonijiet jittieħdu sa mhux iktar tard mill-1 ta' Awwissu tas-sena ta' qabel l-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni."

(17) Jiddaħħal il-Kapitolu 6d li ġej:

"KAPITOLU 6d

L-INBID

Taqsima 1

Trasferiment mill-programmi ta' appoġġ għall-inbid għall-iskema ta' ħlas waħdieni

Artikolu 48i

Regoli ġenerali

1. Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-ammont u d-determinazzjoni tad-drittijiet għal ħlas fil-kuntest tat-trasferiment mill-programmi ta' appoġġ għall-inbid għall-iskema ta' ħlas waħdieni, il-Parti C tal-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 għandha tapplika soġġetta għar-regoli speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 48j ta' dan ir-Regolament u, f'każ li l-Istat Membru jkun għamel użu mill-għażla pprovduta fl-Artikolu 59 jew 71f tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, fl-Artikolu 48k ta' dan ir-Regolament.

2. Mill-1 ta' Jannar 2009, l-Istati Membri jistgħu jipproċedu bl-identifikazzjoni tal-bdiewa eliġibbli għall-allokazzjoni tad-drittijiet għal ħlas li joħorġu mit-trasferiment mill-programmi ta' appoġġ għall-inbid għall-iskema ta' ħlas waħdieni.

3. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikoli 7(1) u 12 ta' dan ir-Regolament relatati mas-settur tal-inbid, l-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni għandha tkun is-sena li fiha l-Istat Membru jiddetermina l-ammonti u l-ettari eliġibbli msemmija fil-Parti C tal-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

Artikolu 48j

Regoli speċifiċi

1. Jekk sal-aħħar data li fiha l-bidwi jista' japplika għall-istabbiliment tad-drittijiet għal ħlas iffissati skont dan ir-Regolament, ma jkunx għad għandu d-drittijiet għal ħlas jew drittijiet biss soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali, dan għandu jirċievi d-drittijiet għal ħlas għall-inbid ikkalkulati skont il-Parti C tal-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll meta l-bidwi jkun kera bi drittijiet għal ħlas bejn l-ewwel sena minn meta tibda tapplika l-iskema ta' ħlas waħdieni u s-sena tat-trasferiment mill-programmi ta' appoġġ.

2. Jekk sal-aħħar data li fiha l-bidwi jista' japplika għall-istabbiliment tad-drittijiet għal ħlas iffissati skont dan ir-Regolament, il-bidwi jkun ġie allokat lilu jew xtara jew irċieva drittijiet għal ħlas sal-aħħar data għall-applikazzjoni għall-istabbiliment ta' drittijiet għall-ħlas ffissati skont dan ir-Regolament, il-valur u l-għadd ta' drittijiet għal ħlas li għandu, jridu jiġu kkalkulati mill-ġdid b'dan il-mod:

(a) l-għadd ta' drittijiet għal ħlas għandu jkun l-istess bħall-għadd ta' drittijiet għal ħlas li għandu, miżjud bl-għadd ta' ettari stabbiliti skont il-Parti C tal-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

(b) il-valur għandu jinkiseb billi tiġi diviża s-somma tal-valur tad-drittijiet għal ħlas li għandu u tal-ammont ta' referenza kkalkulat skont il-Parti C tal-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 bin-numru stabbilit skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

Drittijiet għal ħlasijiet soġġetti għal kundizzjonijiet speċjali m'għandhomx jitqiesu fil-kalkolu msemmi f'dan il-paragrafu.

3. Id-drittijiet għal ħlas mikrija qabel id-data għat-tressiq ta' applikazzjoni taħt l-iskema ta' ħlas waħdieni ffissati skont dan ir-Regolament għandhom jitqiesu fil-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2.

Artikolu 48k

Implimentazzjoni reġjonali

1. Fejn Stat Membru jkun għamel użu mill-possibilità pprovduta fl-Artikolu 59 jew fl-Artikolu 71f tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003, il-bdiewa għandhom jirċievu għadd ta' drittijiet għal ħlas li jkunu daqs l-għadd ta' ettari eliġibbli ġodda fi dwieli.

Il-valur tad-drittijiet għal ħlas huwa kkalkulat abbażi tal-kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji.

L-2009 hija l-ewwel sena minn meta ijba japplika s-settur tal-inbid skont l-Artikolu 59(4) jew l-Artikolu 71f tar-Regolament (KE) Nru 1782/2003.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-għadd ta' drittijiet għal kull bidwi abbażi ta' kriterji oġġettivi skont il-Parti C tal-Anness IX għar-Regolament (KE) Nru 73/2009.

T a q s i m a 2

Tqaċċit

Artikolu 48l

Medja reġjonali

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur tad-drittijiet għal ħlas fl-applikazzjoni tal-Parti B għall-Anness IX (tqaċċit) għar-Regolament (KE) Nru 73/2009, il-medja reġjonali għandha tiġi stabbilita mill-Istati Membri fil-livell territorjali xieraq. Din għandha tiġi stabbilita f'data li għandha tiġi ffissata mill-Istat Membru. Tista' tiġi riveduta kull sena. Għandha tiġi bbażata fuq il-valur tad-drittijiet għal ħlas allokati lill-bdiewa fir-reġjun kkonċernat. Ma għandhiex tkun ddifferenzjata għal kull settur tal-produzzjoni."

(18) L-Anness I jinbidel bit-test stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"ANNESS I

Stat Membru	Data
Id-Danimarka	mill-15 ta' Lulju
Il-Ġermanja	mill-15 ta' Lulju
Spanja: Castilla–la-Mancha	mill-1 ta' Ġunju
Spanja: Aragón, Asturias, Baleares, Cantabria, Castilla y León, Cataluña, Galicia, Madrid, Murcia, País Vasco, la Rioja, Comunidad Valenciana	mill-1 ta' Lulju
Spanja: Andalucía	mill-1 ta' Settembru
Spanja: Extremadura	mill-15 ta' Settembru
Spanja: Navarra	mill-15 ta' Awwissu
Franza: Aquitaine, Midi-Pyrénées and Languedoc-Roussillon	mill-1 ta' Lulju
Franza: Alsace, Auvergne, Borgonja, Brittanja, Ċentru, Champagne-Ardenne, Korsika, Franche-Comté, Île-de-France, Limousin, Lorraine, Nord-Pas-de-Calais, Normandija ta' Isfel, Normandija ta' Fuq, ir-Reġjun ta' Loire (għajr id-dipartimenti ta' Loire-Atlantique u Vendée), Pikardija, Poitou-Charentes, Provence-Alpes-Côte-d'Azur u Rhône-Alpes	mill-15 ta' Lulju
Franza: id-dipartimenti ta' Loire-Atlantique u Vendée	mill-15 ta' Ottubru
L-Italja	mill-11 ta' Ġunju
L-Awstrija	mit-30 ta' Ġunju"

DIRETTIVI

DIRETTIVA 2009/3/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL

tal-11 ta' Marzu 2009

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 80/181/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar l-unitajiet ta' kejl

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([2]),

Billi:

(1) Id-Direttiva 80/181/KE ([3]) teħtieġ lir-Renju Unit u l-Irlanda li jistabbilixxu data għat-tmiem tal-eżenzjonijiet, fejn għadhom qed jiġu applikati, fir-rigward tal-unitajiet ta' kejl magħrufa bħala "pinta" għall-ħalib fi fliexken li jistgħu jingħataw lura u birra u sidru mill-bittija, "mil" għas-sinjali tat-toroq u l-indikazzjonijiet tal-veloċità, u "troy ounce" għal transazzjonijiet fil-metalli prezzjużi. Madankollu, l-esperjenza wriet, fid-dawl tal-karattru lokali ta' dawk l-eżenzjonijiet u n-numru limitat ta' prodotti kkonċernati, iż-żamma tal-eżenzjonijiet ma tirriżultax f'ostaklu non-tariffarju għall-kummerċ u, bħala konsegwenza, m'għadx hemm il-ħtieġa li dawk l-eżenzjonijiet jintemmu.

(2) Huwa kunsiljabbli li jiġi ċċarat li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 80/181/KE huwa konsistenti mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 95 tat-Trattat u li m'huwiex limitat għall-ebda qasam ta' azzjoni Komunitarju speċifiku.

(3) Id-Direttiva 80/181/KEE tawtorizza l-użu ta' indikazzjonijiet supplimentari flimkien mal-unitajiet legali stabbiliti fil-Kapitolu I tal-Anness ta' dik id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2009. Madankollu, sabiex jiġi evitat li jinħolqu l-ostakli għal impriżi Komunitarji li jesportaw għal ċerti pajjiżi terzi li jeħtieġu li l-prodotti jiġu mmarkati f'unitajiet oħrajn li mhumiex dawk stabbiliti fil-Kapitolu I, huwa kunsiljabbli li tinżamm l-awtorizzazzjoni sabiex jintużaw indikazzjonijiet supplimentari.

(4) Id-Direttiva 80/181/KEE tappoġġa l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern permezz tal-livell ta' armonizzazzjoni ta' unitajiet ta' kejl li hija tippreskrivi. F'dan il-kuntest, huwa xieraq li l-Kummissjoni timmonitorja l-iżviluppi tas-suq fir-rigward ta' dik id-Direttiva u l-implimentazzjoni tagħha, notevolment fir-rigward tal-possibbiltà ta' ostakli għall-funzjonament tas-suq intern u armonizzazzjoni oħra meħtieġa sabiex jintegħlbu dawk l-ostakli.

(5) Huwa xieraq li l-Kummissjoni tkompli ssegwi bil-qawwa, fil-kuntest tar-relazzjonijiet kummerċjali tagħha ma' pajjiżi terzi inkluż il-Kunsill Ekonomiku Transatlantiku, l-aċċettazzjoni, fis-swieq ta' pajjiżi terzi, ta' prodotti ttikettati biss b'unitajiet tas-Sistema Internazzjonali ta' Unitajiet (SI).

(6) L-indikazzjonijiet supplimentari jistgħu jippermettu wkoll l-introduzzjoni gradwali u bla xkiel ta' unitajiet metriċi ġodda li jistgħu jiġu żviluppati fil-livell internazzjonali.

(7) Fl-1995, il-Konferenza Ġenerali dwar l-Piżijiet u l-Kejl iddeċidiet li telimina l-klassi ta' unitajiet SI supplimentari bħala klassi separata fl-SI u tinterpreta l-unitajiet "radian" u "steradian" bħala unitajiet mingħajr dimensjoni dderivati mill-SI, li l-ismijiet u s-simboli tagħhom jistgħu, iżda mhux bilfors, jintużaw f'espressjonijiet għal unitajiet oħrajn derivati mill-SI, skond il-konvenjenza.

(8) Fl-1999 il-Konferenza Ġenerali dwar l-Piżijiet u l-Kejl adottat, fil-qafas tal-SI, il-"katal", li s-simbolu tiegħu huwa l-"kat", bħala l-unità SI għal attività ta' katalizi. Din l-unità SI ġdida armonizzata kienet intiża sabiex tiżgura indikazzjoni koerenti u uniformi ta' unitajiet ta' kejl fl-oqsma tal-mediċina u l-bijokimika u, sabiex bħala konsegwenza, telimina kwalunkwe riskju ta' miżinterpretazzjoni li jista' jirriżulta mill-użu ta' unitajiet li m'humiex armonizzati.

([1]) ĠU C 120, 16.5.2008, p. 14.
([2]) Ir-Reżoluzzjoni Leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Novembru 2007 (ĠU C 297 E, 20.11.2008, p. 105), il-Pożizzjoni Konġunta tal-Kunsill tat-18 ta' Novembru 2008 (ĠU C 330 E, 30.12.2008, p. 1) u l-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU L 39, 15.2.1980, p. 40.

(9) Fl-2007, sabiex jiġi eliminat wieħed mis-sorsi prinċipali tal-varjabbiltà osservata bejn realizzazzjonijiet differenti tal-punt triplu tal-ilma, il-Konferenza Ġenerali dwar il-Piżijiet u l-Kejl adottat nota għad-definizzjoni tal-"kelvin". Il-"kelvin" hu definit bħala frazzjoni tat-temperatura termodinamika tal-punt triplu tal-ilma. In-nota tirriferi għall-ilma ta' kompożizzjoni isotopika speċifikata.

(10) Ladarba t-tomna m'għadhiex tintuza aktar għall-finijiet ta' reġistrazzjoni tal-art fir-Renju Unit u l-Irlanda, ma hemm l-ebda ħtieġa li tingħata eżenzjoni f'dak ir-rigward.

(11) Skont il-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar leġislazzjoni aħjar [1], l-Istati Membri huma mħeġġa sabiex ifasslu, għalihom infushom u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess li juru, safejn hu possibbli, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni u sabiex jagħmluhom pubbliċi.

(12) Id-Direttiva 80/181/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi

Id-Direttiva 80/181/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(b) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) dawk elenkati fil-Kapitolu II tal-Anness f'dawk l-Istati Membri biss fejn kienu awtorizzati fil-21 ta' April 1973.";

(2) fl-Artikolu 2(a) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-obbligi taħt l-Artikolu 1 jirrelataw mal-istrumenti użati ta' kejl, il-kejl li sar u indikazzjonijiet ta' kwantità espressi f'unitajiet tal-kejl.";

(3) fl-Artikolu 3(2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-użu ta' indikazzjonijiet supplimentari għandu jkun awtorizzat.";

(4) għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 6b

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżviluppi tas-suq relatati ma' din id-Direttiva u l-implimentazzjoni tagħha fir-rigward tal-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u tal-kummerċ internazzjonali u għandha tippreżenta rapport dwar dawk l-iżviluppi, akkumpanjat minn proposti fejn ikun il-każ, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2019.";

(5) l-Anness għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-Kapitolu I, il-punt 1.1, il-paragrafu intitolat "Unità tat-temperatura termodinamika" għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Unità tat-temperatura termodinamika

Il-kelvin, unità tat-temperatura termodinamika, huwa l-frazzjoni 1/273,16 tat-temperatura termodinamika tal-punt triplu tal-ilma.

Din id-definizzjoni tirriferi għal ilma li għandu kompożizzjoni isotopika ddefinita minn proporzjonijiet ta' ammont ta' sustanza li ġejjin: 0.000 155 76 mole ta' ^{2}H kull mole ta' ^{1}H, 0.000 379 mole kull ^{17}O kull mole ta' ^{16}O u 0.002 005 2 mole ta' ^{18}O kull mole ta' ^{16}O.

(It-Tlettax-il CGPM (1967), riżoluzzjoni 4 u t-Tlieta u għoxrin CGPM (2007), riżoluzzjoni 10)";

(b) fil-Kapitolu I, il-punt 1.1.1, it-titolu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Isem speċjali jew simbolu tal-unità ta' temperatura dderivati mill-SI sabiex tkun espressa t-temperatura f'Celsius";

(ċ) fil-Kapitolu I, il-punt 1.2., it-titolu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1.2. Unitajiet derivati mis-SI";

(d) fil-Kapitolu I, il-punt 1.2.1 għandu jitħassar;

(e) fil-Kapitolu I, il-punti 1.2.2 u 1.2.3 għandhom jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

"1.2.2. Regola ġenerali għall-unitajiet derivati mis-SI

L-unitajiet imnisslin b'mod koerenti mill-unitajiet bażi SI huma mogħtijin bħala espressjonijiet alġebrajiċi fil-forma ta' prodotti ta' *powers* tal-unitajiet bażi SI b'fattur numeriku ugwali għal 1.

---
[1] ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

1.2.3. Unitajiet SI mnisslin li għandhom ismijiet u simboli speċjali

Kwantità	Unità		Espressjoni	
	Isem	Simbolu	F'termini ta' unitajiet SI oħra	F'termini ta' unitajiet SI bażi
Angolu pjan	radian	rad		$m \cdot m^{-1}$
Angolu solidu	steradian	sr		$m^2 \cdot m^{-2}$
Frekwenza	hertz	Hz		s^{-1}
Forza	newton	N		$m \cdot kg \cdot s^{-2}$
Pressjoni, *stress*	pascal	Pa	$N \cdot m^{-2}$	$m^{-1} \cdot kg \cdot s^{-2}$
Enerġija, *work*; kwantità ta' sħana	joule	J	$N \cdot m$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-2}$
Saħħa ([1]), fluss radjanti	watt	W	$J \cdot s^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-3}$
Kwantità ta' elettriku, karg ta' elettriku	coulomb	C		$s \cdot A$
Potenzjal tal-elettriku, differenza fil-potenzjal, forza elettromotiva	volt	V	$W \cdot A^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-3} \cdot A^{-1}$
Resistenza tal-elettriku	ohm	Ω	$V \cdot A^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-3} \cdot A^{-2}$
Konduttività	siemens	S	$A \cdot V^{-1}$	$m^{-2} \cdot kg^{-1} \cdot s^3 \cdot A^2$
Kapaċitanza	farad	F	$C \cdot V^{-1}$	$m^{-2} \cdot kg^{-1} \cdot s^4 \cdot A^2$
Fluss manjetiku	weber	Wb	$V \cdot s$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-2} \cdot A^{-1}$
Densità tal-fluss manjetiku	tesla	T	$Wb \cdot m^{-2}$	$kg \cdot s^{-2} \cdot A^{-1}$
Inductance	henry	H	$Wb \cdot A^{-1}$	$m^2 \cdot kg \cdot s^{-2} \cdot A^{-2}$
Fluss luminuż	lumen	lm	$cd \cdot sr$	cd
Illuminanza	lux	lx	$lm \cdot m^{-2}$	$m^{-2} \cdot cd$
Attività (ta' *radionuclide*)	becquerel	Bq		s^{-1}
Doża assorbita, enerġija speċifika trasferita, kerma, indiċi tad-doża assorbita	gray	Gy	$J \cdot kg^{-1}$	$m^2 \cdot s^{-2}$
Doża ekwivalenti	sievert	Sv	$J \cdot kg^{-1}$	$m^2 \cdot s^{-2}$
Attività katalittika	katal	kat		$mol \cdot s^{-1}$

([1]) Ismijiet speċjali għal unità ta' *power*; l-isem volt-ampere (simbolu 'VA') meta użat sabiex ifisser s-saħħa apparenti ta' kurrent tal-elettriku li jalterna, u var (simbolu 'var') meta huwa użat sabiex ifisser is-saħħa elettrika reattiva. Il-'var' mhuwiex inkluż fir-riżoluzzjonijiet tal-CPGM.

Unitajiet imnisslin mill-unitajiet SI bażi jistgħu jiġu espressi f'termini ta' unitajiet elenkati fil-Kapitolu I.

B'mod partikolari, l-unitajiet SI imnisslin jistgħu jiġu espressi permezz ta' ismijiet u simboli speċjali mogħtija fit-tabella ta' hawn fuq; per eżempju l-unità SI tal-viskożità dinamika tista' tiġi espressa bħala $m^{-1} \cdot kg \cdot s^{-1}$ jew $N \cdot s \cdot m^{-2}$ jew $Pa \cdot s$.";

(f) fil-Kapitolu II, għandha titħassar il-linja, li ġejja, mit-tabella:

"Reġistrazzjoni tal-art	tomna	1 ac = 4 047 m^2	ac"

(g) fil-Kapitolu II, l-aħħar sentenza għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej: "L-unitajiet elenkati f'dan il-Kapitolu jistgħu jiġu kkombinati ma' xulxin jew ma' dawk fil-Kapitolu I sabiex jiffurmaw unitajiet komposti.".

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2009, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2010.

Meta l-Istati Membri jadottawhom, dawk il-miżuri għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Indirizzati

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strażburgu, 11 ta' Marzu 2009.

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
H.-G. PÖTTERING

Għall-Kunsill
Il-President
A. VONDRA

IV

(Atti oħrajn)

SPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

Nru 368/06/COL

tad-29 ta' Novembru 2006

dwar il-bejgħ tal-ishma tal-Istat Iżlandiż fi Sementsverksmiðjan hf. (L-Iżlanda)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA [1],

Wara li kkunsidrat il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea [2], b'mod partikolari l-Artikoli 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar l-istabbiliment ta' Awtorità ta' Sorveljanza u Qorti tal-Ġustizzja [3], b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 1(3) u (2) tal-Parti I u l-Artikoli 4(2), 4(4), 6, u 7(2) tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

Wara li kkunsidrat l-Linji ta' Gwida tal-Awtorità [4] dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 62 tal-Ftehim ŻEE,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Awtorità tal-14 ta' Lulju 2004 dwar id-dispożizzjonijiet implimentattivi li jissemmew fl-Artikolu 27 tal-Parti II tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti,

Wara li talbet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom skont dawk id-dispożizzjonijiet dwar id-Deċiżjoni 421/04/COL [5] u d-Deċiżjoni Nru 367/06/COL [6],

Billi:

I IL-FATTI

1. Il-proċedura

B'ittra tad-19 ta' Awissu 2003 mill-Missjoni Iżlandiża għall-Unjoni Ewropea fejn kienet qed tintbagħat ittra mill-Ministeru tal-Finanzi li ġġib id-data tad-19 ta' Awissu 2003, bit-tnejn li huma jaslu u jiġu rreġistrati mill-Awtorità fl-istess data (Dok Nru 03-5685 A), l-awtoritajiet Iżlandiżi innotifikaw il-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf., skont l-Artikolu 1(3) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

Fis-17 ta' Diċembru 2003, il-kumpanija Aalborg Portland Íslandi ehf. ippreżentat ilment mal-Awtorità dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ min-naħa tal-Istat Iżlandiż tal-ishma li kellu fi Sementsverksmiðjan hf. L-Awtorità rċeviet u reġistrat din l-ittra fit-23 ta' Diċembru 2003 (Dok Nru 03-9059 A). Min għamel l-ilment talab li dan l-ilment jiġi proċessat fl-istess ħin tan-notifika tal-bejgħ li saret mill-Gvern.

(1) Li minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ l-Awtorità.

(2) Li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ il-Ftehim ŻEE.

(3) Li minn hawn 'il quddiem se jissejjaħ il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti.

(4) Il-Linji ta' Gwida dwar l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni tal-Artikoli 61 u 61 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 1 tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, li ġew adottati u nħarġu mill-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA fid-19 ta' Jannar 1994, li ġew ippubblikati fil-ĠU L 231, 3.9.1994, p. 1. Supplimenti ŻEE 3.9.94 Nru 32. Il-Linji ta' Gwida ġew emendati l-aħħar fil-25 ta' Ottubru 2006. Minn hawn 'il quddiem se jissejħu l-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna mill-Istat.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 421/04/COL tal-20 ta' Diċembru 2004 dwar il-bejgħ tal-Ishma li l-Istat Iżlandiż kellu fi Sementsverksmiðjan (ĠU C 117, 19.5.2005, p. 17) kif ukoll fis-Suppliment ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* Nru 24 tad-19.5.2005.

(6) Id-Deċiżjoni tal-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA Nru 367/06/COL tad-29 ta' Novembru 2006 dwar it-teħid ta' kontroll min-naħa tal-Istat Iżlandiż tal-piżijiet relatati mal-pensjonijiet ta' Sementsverksmiðjan, li għadha ma ġietx ippubblikata

Wara diversi skambji ta' korrispondenza ([7]), b'ittra li kienet iġġib id-data tal-21 ta' Diċembru 2004 l-Awtorità informat lill-awtoritajiet Iżlandiżi li kienet iddeċidiet li tagħti bidu għall-proċedura stabbilta fl-Artikolu 1(2) tal-Parti I tal-Protokoll 3 għall-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti rigward il-bejgħ mill-Istat Iżlandiż tal-ishma li kellu fi Sementsverksmiðjan hf. (Avveniment Nru 296878).

Id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL sabiex tingħata bidu għall-proċedura kienet ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment ŻEE għalih ([8]). L-Awtorità talbet lill-partijiet interessati sabiex iressqu l-kummenti tagħhom dwar dan. L-awtoritajiet Iżlandiżi ressqu l-kummenti tagħhom dwar din id-Deċiżjoni b'ittra li ġġib id-data tal-24 ta' Frar 2005 (Avveniment Nru 311243). Fl-20 ta' Ġunju 2005, l-Awtorità rċeviet kummenti minn Íslenskt sement ehf., ix-xerrejja ta' Sementsverksmiðjan hf. (Avveniment Nru 323552). Fit-2 ta' Settembru 2005, Aalborg Portland Íslandi ehf. ressqet aktar kummenti (Avveniment Nru 333018).

L-Awtorità talbet l-għajnuna ta' espert indipendenti, is-Sur Erlend Kvaal, Professur Assoċjat tal-Iskola Norveġiża tal-Maniġment BI f'Oslo, sabiex ikun iddeterminat jekk il-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. sarx skont il-prinċipju tal-investitur fis-suq. Fuq il-bażi tal-ewwel valutazzjoni tal-informazzjoni dwar il-bejgħ li kienet disponibbli għall-Awtorità, min-naħa tal-espert indipendenti, fit-12 ta' Lulju 2005 intbagħtet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Iżlandiżi (Avveniment Nru 326295). L-awtoritajiet Iżlandiżi wieġbu b'ittra mill-Missjoni Iżlandiża għall-UE fejn bagħtu ittra tal-Ministeru tal-Finanzi biż-żewġ ittri jġibu d-data tat-30 u tal-31 ta' Awissu rispettivament. Din l-ittra waslet u kienet irreġistrata mill-Awtorità fl-1 ta' Settembru 2005 (Avveniment Nru 332274).

Fit-28 ta' Ottubru 2005, intbagħtet talba oħra għal informazzjoni lill-awtoritajiet Iżlandiżi fil-qafas tal-proċedura ta' investigazzjoni formali (Avveniment Nru 347691). Din it-talba kienet segwita minn laqgħa fi Brussell fit-23 ta' Novembru 2005 bejn rappreżentanti tal-awtorità, l-awtoritajiet Iżlandiżi, Sementsverksmiðjan hf. u wieħed mill-investituri li qed jipparteċipa fil-konsorzju li akkwista l-ishma tal-Istat. L-espert indipendenti mqabbad mill-Awtorità attenda għal din il-laqgħa wkoll.

B'ittra li ġġib id-data tas-6 ta' Diċembru 2005, li waslet u ġiet irreġistrata mill-Awtorità fis-7 ta' Diċembru 2005 (Avveniment Nru 353483), il-Missjoni Iżlandiża għall-UE bagħtet ittra mill-Ministeru tal-Finanzi li ġġib id-data tat-2 ta' Diċembru, fejn il-Ministeru wieġeb għat-talba għal informazzjoni li ssemmiet aktar 'il fuq, kif ukoll għal xi kwistjonijiet pendenti li tqajmu waqt il-laqgħa.

Fil-31 ta' Jannar 2006, l-espert indipendenti ppreżenta lill-Awtorità, ir-rapport finali tiegħu dwar jekk il-bejgħ mill-Istat Iżlandiż tal-ishma li kellu fi Sementsverksmiðjan hf. twettaqx skont it-termini tas-suq (Avveniment Nru 360438).

Fis-16 ta' Frar, fid-9 ta' Marzu u fl-4 ta' Awissu 2006, l-Awtorità bagħtet ittri lill-awtoritajiet Iżlandiżi fejn talbet aktar informazzjoni u kjarifiki dwar punti li kienu għadhom mhumiex ċari (Avvenimenti Nri 363213, 365145 u 383227). L-awtoritajiet Iżlandiżi wieġbu b'ittri li kienu jġibu d-dati tal-20 ta' Frar, tad-19 ta' April u tal-25 ta' Settembru rispettivament (Avvenimenti Nri 363608, 370425 u 390092).

Dan il-każ kien diskuss fit-12 ta' Ottubru 2006 fil-Laqgħa annwali tal-Pakkett tal-Għajnuna tal-Istat f'Reykjavik. Bħala azzjoni ta' segwitu għal din id-diskussjoni, l-awtoritajiet Iżlandiżi bagħtu ittra lill-Awtorità fit-2 ta' Novembru 2006 (Avveniment Nru 396476).

Fid-29 ta' Novembru 2006, l-Awtorità adottat id-Deċiżjoni Nru 367/06/COL biex il-proċedura ta' investigazzjoni formali, li nfetħet permezz tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL, tkun estiża. L-estensjoni hija relatata mat-teħid ta' kontroll min-naħa tal-Istat tal-piżijiet relatati mal-pensjonijiet ta' Sementsverksmiðjan hf. fil-proċess biex il-kumpanija tkun ippreparata għall-bejgħ. Bid-Deċiżjoni kurrenti, l-Awtorità tagħlaq l-investigazzjoni formali li kienet fetħet dwar il-bejgħ tal-ishma tal-Istat Iżlandiż fi Sementsverksmiðjan hf. lill-grupp ta' investituri Íslenskt sement ehf. għall-prezz ta' ISK 68 miljun. L-elementi l-oħra tal-proċedura ta' investigazzjoni formali jibqgħu jiġu investigati.

2. **Deskrizzjoni tal-miżuri vvalutati fid-deċiżjoni kurrenti**

L-intrapriża tal-Istat Sementsverksmiðjan hf. gawdiet minn monopolju de facto fis-suq għas-siment fl-Iżlanda sad-dħul fl-2000 ta' importatur tas-siment mid-Danimarka. Jidher li bħala riżultat tas-sitwazzjoni kompetittiva l-ġdida, Sementsverksmiðjan hf. esperjenzat diffikultajiet ekonomiċi u bdiet takkumula t-telf. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fl-2003, l-Istat iddeċieda li jbigħ l-ishma li kellu fil-kumpanija ([9]). Skont it-tħabbira tal-Istat mal-bejgħ tal-ishma: "Il-Kumitat Eżekuttiv dwar il-Privatizzazzjoni u l-Ministeru tal-Industrija bihsiebhom ibiegħu l-ishma kollha li bħalissa l-Istat għandu fi Sementsverksmiðjan hf. li jammontaw għall-ammont nominali ta' 450 000 000 kr. lil individwu jew grupp ta' investituri. Dan jikkonċerna 100 % mill-istokk maħruġ fil-kumpanija. Huwa mistenni li l-prezz tax-xiri se jitħallas bi flus kontanti. Qed jitfittex investitur li jkun interessat li jkompli ħidmet il-kumpanija, isaħħaħha u jikkontribwixxi għal kompetizzjoni b'saħħitha fis-suq tal-kostruzzjoni Iżlandiż."

Fit-2 ta' Ottubru 2003, il-Ministeru tal-Industrija, f'isem il-Gvern tal-Iżlanda, iffirma Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma mal-grupp ta' investituri Íslenskt Sement ehf. Fuq il-bażi ta' dan il-Ftehim, l-Istat, sid ta' 100 % tal-ishma fi Sementsverksmiðjan hf., biegħhom lil Íslenskt sement ehf. għal prezz ta' ISK 68 miljun.

([7]) Għal aktar informazzjoni dettaljata dwar il-korrispondenza varja bejn l-Awtorità u l-awtoritajiet Iżlandiżi, issir referenza għad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL li tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali.

([8]) Ara nota 5 ta' qiegħ il-paġna.

([9]) Ittra mill-awtoritajiet Iżlandiżi li ġġib id-data tad-19 ta' Awissu 2003, paġna 3.

Fl-istess ħin, sar ftehim separat bejn Sementsverksmiðjan hf. u t-Teżor Nazzjonali. Skont dan il-Ftehim, l-Istat Iżlandiż xtara ċerti assi fissi u finanzjarji minn Sementsverksmiðjan hf., li kienu żejda għall-produzzjoni tas-siment, għall-prezz ta' ISK 450 miljun. Il-qligħ intuża biex jitħallsu d-djun mhux imħallsa tal-kumpanija.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma bejn il-Gvern tal-Iżlanda u Íslenskt sement ehf., l-Istat Iżlandiż ħa l-kontroll tal-piżijiet tal-pensjonijiet li kienet iġġorr Sementsverksmiðjan hf. permezz ta' ftehim bejn il-Ministeru tal-Finanzi u l-Fond tal-Pensjoni tal-Impjegati tal-Istat.

Fi kliem ieħor, il-kumpanija, li l-ishma tagħha nxtraw minn Íslenskt sement ehf., għaldaqstant tneżżgħet minn dawn l-assi u l-piżijiet.

Hija din it-transazzjoni, il-bejgħ ta' Sementsverksmiðjan hf. lil Íslenskt sement ehf., li qed tiġi indirizzata f'din id-deċiżjoni. Il-proċedura ta' investigazzjoni formali rigward il-miżuri l-oħra tal-allegata għajnuna tal-Istat favur Sementsverksmiðjan hf., li nbdiet permezz tad-Deċiżjoni Nru 421/04/COL, ġiet estiża, permezz tad-Deċiżjoni Nru 367/06/COL, biex tkopri t-teħid ta' kontroll mill-Istat tal-piżijiet relatati mal-pensjonijiet tal-kumpanija, u se tkun indirizzata f'deċiżjoni oħra.

3. **Ir-raġunijiet biex jingħata bidu għal proċedura ta' investigazzjoni formali**

Rigward il-bejgħ mill-Istat ta' 100 % mill-ishma li kellu fi Sementsverksmiðjan hf., fid-Deċiżjoni Nru 421/04/COL biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità tefgħet dubju fuq l-applikabbiltà għal dan il-każ tal-Kapitolu 18B tal-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna tal-Istat dwar il-bejgħ minn awtoritajiet pubbliċi ta' art u bini. L-Awtorità qieset li l-Istat ma kienx sempliċement qed ibigħ art u bini li kienu tiegħu imma l-ishma li kellu f'intrapriża li kienet 100 % proprjetà tiegħu.

Barra minn hekk, l-Awtorità għandha dubju jekk il-bejgħ seħħx skont il-prinċipju tal-investitur fis-suq. Ma kinitx ċerta sa liema punt, waqt il-proċess ta' negozjar, l-Istat qies konsiderazzjonijiet oħra lilhinn mis-sempliċi qligħ ekonomiku tat-transazzjoni u jekk, allura, il-prezz miksub fil-bejgħ kienx jikkorrispondi għall-valur fis-suq tal-kumpanija.

Bin-notifika tat-transazzjoni, l-awtoritajiet Iżlandiżi kienu ppreżentaw valutazzjoni ta' Sementsverksmiðjan hf. li twettqet minn espert indipendenti fuq il-bażi tal-valur ta' likwidazzjoni. Fid-deċiżjoni biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità kienet dubbjuża jekk wieħed jistax jassumi li l-valur ta' kumpanija attiva jkun ekwivalenti għall-valur ta' likwidazzjoni tagħha, li jkun ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-operazzjonijiet għandhom jieqfu. L-Awtorità rraġunat li kieku l-valur fis-suq ta' 100 % tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. kien ogħla mill-prezz ta' ISK 68 miljun imħallas minn Íslenskt sement ehf., l-Istat kien ikun biegħ il-kumpanija taħt il-prezz fis-suq tagħha. Kien ikollhom jiġu involuti r-riżorsi tal-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, fil-forma ta' dħul rinunzjat, peress li l-Istat ikun kiseb prezz aktar baxx milli kien iġib operatur privat, li jkun qed jaġixxi skont termini tas-suq, għall-istess assi.

4. **Il-kummenti tal-awtoritajiet Iżlandiżi**

F'ittra li ġġib id-data tat-23 ta' Frar 2005, l-awtoritajiet Iżlandiżi ressqu l-kummenti tagħhom dwar id-deċiżjoni tal-Awtorità li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali rigward il-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf.

L-awtoritajiet Iżlandiżi enfasizzaw li waħda mir-raġunijiet l-aktar importanti għall-eżistenza tal-kundizzjoni li l-produzzjoni tas-siment għandha tkompli kienet biex jiżdied il-valur ta' Sementsverksmiðjan hf. meta l-Kumpanija tinbiegħ lil parti terza. L-awtoritajiet Iżlandiżi ddikjaraw li: "Jekk l-ebda kundizzjoni ta' din ix-xorta ma tkun applikabbli, l-ispejjeż biex jiġi żbarazzat is-sit ikunu immedjati għax-xerrej. Bl-impożizzjoni ta' kundizzjoni li l-produzzjoni tas-siment għandha tkompli, din l-ispiża tibqa' hemm imma ma tkunx attiva. Barra minn hekk, għandu jiġi nnotat li l-kundizzjoni kienet innegozjata max-xerrejja u ġiet inkorporata fil-Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma bħala sempliċement intenzjoni min-naħa tax-xerrejja li jkomplu ħidmet Sementsverksmiðjan hf. sakemm ikun ekonomikament vijabbli. L-Istat ma jistax jimponi li x-xerrejja jmexxu l-Kumpanija jekk ma tkunx ekonomikament vijabbli. Din ma tistax tiqies bħala evidenza li l-Istat qies konsiderazzjonijiet lil hinn mill-qligħ ekonomiku."

Fl-opinjoni tal-awtoritajiet Iżlandiżi, kif ġie ddikjarat fil-Linji ta' Gwida tal-Awtorità, huwa biss fejn m'hemm l-ebda raġuni oġġettiva biex wieħed raġonevolment jistenna li investiment jagħti rata ta' qligħ adegwata li tkun aċċettabbli għal investitur privat f'intrapriża privata paragunabbli li taħdem f'kundizzjonijiet normali tas-suq, li l-għajnuna tal-Istat tista' tkun involuta.

L-awtoritajiet Iżlandiżi ddikjaraw li: "Meta jitqies dak li ntqal aktar 'il fuq, wieħed ma jistax jgħid li ma kien hemm l-ebda raġuni oġġettiva biex l-Istat jemmen li l-bejgħ ta' Sementsverksmiðjan ma kienx se jagħti lill-Istat rata ta' qligħ adegwata. Anzi, l-Istat, wara negozjati max-xerrejja, seta' jistenna prezz tax-xiri għall-Kumpanija ferm ogħla mill-valur fis-suq. B'hekk, irid jiġi konkluż li l-Istat ma kisibx dħul inqas milli kien iġib operatur privat, li kien qed jaġixxi skont termini tas-suq, għall-istess assi. Għalhekk, l-Istat aġixxa skont il-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq. Hija l-Awtorità li trid turi li l-Istat ma setax jistenna rata ta' qligħ adegwata. Peress li dan ma ntweriex, u fl-opinjoni tal-Istat ma jistax jintwera, irid jiġi konkluż li l-Istat aġixxa skont il-prinċipju ta' ekonomija tas-suq."

Fin-notifika tat-transazzjoni, l-awtoritajiet Iżlandiżi argumentaw li l-valur tal-kumpanija jikkorrispondi għall-valur ta' likwidazzjoni tagħha. Il-valur ta' likwidazzjoni ta' Sementsverksmiðjan hf. ġie stmat bħala li jikkorrispondi għal ISK – 46,5 miljun mingħajr ma tqiesu l-ispejjeż tal-iżbarazzar tal-impjant f'Akranes. Fid-Deċiżjoni biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità esprimiet xi dubji dwar jekk il-valur fis-suq tal-kumpanija li nbiegħet bħala intrapriża profittabbli għandux jiġi determinat billi jintuża l-valur ta' likwidazzjoni. Fil-kummenti tagħhom għad-deċiżjoni tal-Awtorità li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, l-awtoritajiet Iżlandiżi barra minn hekk irreferew għall-valutazzjonijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-flus li tressqu quddiem l-Awtorità. B'mod partikolari, skont il-valutazzjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-flus li ġiet provduta fl-Anness għall-ittra tagħhom tat-23 ta' Frar 2005, il-valur fis-suq ta' Sementsverksmiðjan hf. kien jammonta għal ISK – 1,5 biljun. Fuq din il-bażi, l-awtoritajiet Iżlandiżi qiesu li l-valur fis-suq ta' Sementsverksmiðjan hf. bħala intrapriża profittabbli kien ferm aktar baxx mill-valur ta' likwidazzjoni tagħha.

L-awtoritajiet Iżlandiżi jsostnu wkoll li peress li l-valur fis-suq ta' Sementsverksmiðjan hf., kemm jekk tiġi applikata l-valutazzjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-flus u kemm jekk tiġi applikata valutazzjoni ta' likwidazzjoni kien aktar baxx mill-prezz tal-bejgħ ta' ISK 68 miljun, la Sementsverksmiðjan hf. u lanqas Íslenskt sement ehf., ma kisbu l-ebda vantaġġ ekonomiku fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

L-awtoritajiet Iżlandiżi qiesu li meta jiġi ddeterminat jekk ngħatatx għajnuna tal-Istat, l-Awtorità għandha tivvaluta l-prezz totali tal-bejgħ tal-kumpanija wara l-bejgħ lura lill-Istat Iżlandiż tal-assi li kienu żejda għall-produzzjoni tas-siment: "Hija wkoll l-opinjoni tal-Istat li jekk l-Awtorità tasal għall-konklużjoni li [valutazzjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-flus] tal-Kumpanija hija l-valutazzjoni korretta biex ikun iddeterminat il-prezz tal-bejgħ […] [a]llura għandu jintuża l-metodu tad-Dħul u l-Ħruġ tal-Flus, fejn jiġi vvalutat il-valur tal-Kumpanija wara l-bejgħ tal-assi."

L-awtoritajiet Iżlandiżi spjegaw li l-Istat ma kienx ippreparat li jinnegozja prezz tal-bejgħ li jikkorrispondi għal valur ikkalkulat tad-dħul u l-ħruġ tal-flus ta' Sementsverksmiðjan hf. "[M]inħabba t-telf akkumulat tal-kumpanija minn meta nħarġet is-sejħa għall-offerti, deher biċ-ċar li għall-bejgħ tal-Kumpanija lix-xerrej kien se jkun meħtieġ li l-Kumpanija tkun ristrutturata. L-Istat kellu jixtri mingħand il-Kumpanija l-assi kollha li ma kinux fundamentali għall-produzzjoni u għall-ħidma, sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż operattivi u sabiex ħidmet il-Kumpanija ikun vijabbli."

Għar-raġunijiet li ssemmew aktar 'il fuq, l-awtoritajiet Iżlandiżi qiesu li fit-transazzjoni ma kienet involuta l-ebda għajnuna tal-Istat. Madankollu, jekk l-Awtorità tasal għall-konklużjoni li kienet involuta għajnuna tal-Istat, fl-opinjoni tagħhom, għajnuna tal-Istat ta' din ix-xorta għandha titqies bħala ġġustifikata skont id-deroga provduta fl-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim ŻEE, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 16 tal-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna tal-Istat bħala għajnuna għar-ristrutturar ta' ditta f'diffikultà.

F'ittra li ġġib id-data tat-2 ta' Novembru 2006, l-awtoritajiet Iżlandiżi talbu lill-Awtorità biex tikkunsidra li ma tagħlaqx uħud mill-aspetti tal-investigazzjoni formali eżistenti peress illi "wieħed irid iqis l-aspetti kollha tat-tranżazzjoni kollha sabiex ikollu fehim ċar tal-kwistjoni."

5. Il-kummenti tal-partijiet terzi

5.1 *Il-kummenti ta' Íslenskt sement ehf.*

B'ittra li ġġib id-data tal-20 ta' Ġunju 2005, Íslenskt sement ehf. ressqet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali dwar il-bejgħ tal-ishma tal-Istat Iżlandiż fi Sementsverksmiðjan. Fl-opinjoni ta' Íslenskt sement ehf., fil-bejgħ li ssemma aktar 'il fuq, ma kienet invoulta l-ebda għajnuna tal-Istat. Il-kumpanija ddikjarat li: "Islenskt Sement hija konvinta li l-prinċipju tal-investitur fis-suq ġie sodisfatt, speċjalment peress li l-prezz totali tax-xiri ta' Sementsverksmiðjan kien għall-inqas ekwivalenti, jekk mhux ferm ogħla, mill-valur reali fis-suq tal-kumpanija fit-tranżazzjoni indirizzata."

Íslenskt sement ehf. qieset li l-valutazzjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-flus, kif ġeneralment tintuża fil-valutazzjoni tal-kumpaniji tas-siment, kien l-uniku metodu ġust biex tkun ivvalutata l-kumpanija. Il-kumpanija, madankollu, allegat li l-Istat Iżlandiż ma kienx lest li jinnegozja fuq din il-bażi peress li kien se jirriżulta fi prezz negattiv tax-xiri. Skont Íslenskt sement ehf., li kieku fil-każ ta' Sementsverksmiðjan ġie applikat il-metodu tad-dħul u l-ħruġ tal-flus, il-valur stmat fis-suq kien ikun ta' żero jew saħansitra negattiv. Għal din ir-raġuni, Íslenskt sement ehf. qieset li l-valur miksub bl-applikazzjoni tal-metodu ta' likwidazzjoni kien jikkorrispondi għall-valur massimu fis-suq tal-kumpanija fi żmien ix-xiri. Íslenskt sement ehf. argumentat ukoll li l-valur ta' likwidazzjoni ta' ISK 69,6 miljun ma qies l-ebda nfiq li kien marbut mal-likwidazzjoni u mal-għeluq tal-ħidma, inkluż l-iżbarazzar tal-art. Íslenskt sement ehf. iddikjarat li l-prezz tax-xiri għall-ishma fi Sementsverksmiðjan hf. kien jeċċedi bil-kbir il-valur ta' likwidazzjoni tal-kumpanija.

Islenskt Sement sostniet li l-assi partikolari mixtrija mit-Teżor Nazzjonali ma nbiegħux b'mod individwali imma b'rabta mal-bejgħ tal-ishma, bħala parti integrali mill-ftehim ġenerali dwar ix-xiri. Għalhekk, "meta wieħed jivvaluta jekk fil-bejgħ ta' Semenstverksmidjan kinitx involuta għajnuna tal-Istat, l-Awtorità ma tistax tagħmel evalwazzjoni individwali ta' kull assi mibjugħ imma trid tqis l-effett tal-bejgħ tal-assi individwali fuq il-valutazzjoni ġenerali tal-valutazzjoni tal-kumpanija fi żmien il-bejgħ."

5.2 *Il-kummenti ta' Aalborg Portland Íslandi ehf.*

B'ittra tat-2 ta' Settembru 2005, Aalborg Portland Íslandi ehf. ressqet il-kummenti tagħha dwar id-Deċiżjoni tal-Awtorità 421/04/COL biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali rigward il-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. Il-kumpanija wkoll kellha l-istess tħassib u fehmiet li l-Awtorità esprimiet fl-imsemmija deċiżjoni imma rriferiet ukoll għat-tehid ta' kontroll min-naħa tal-Istat Iżlandiż tal-obbligi tal-pensjonijiet ta' Sementsverksmiðjan hf. li ma kinux indirizzati fid-Deċiżjoni tal-Awtorità.

II **APPREZZAMENT**

1. **L-eżistenza ta' għajnuna tal-Istat fil-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf.**

Skont l-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Iżlandiżi, l-Istat biegħ l-ishma li kellu fi Sementsverksmiðjan hf. għal prezz ta' ISK 68 miljun, fi transazzjoni marbuta mal-akkwist mit-Teżor Nazzjonali tal-Iżlanda ta' wħud mill-assi tal-kumpanija li ma kinux meħtieġa għal ħidmet il-kumpanija. Għalkemm dawn iż-żewġ elementi tat-transazzjoni huma marbuta mill-qrib, tant li dak li xtrat Íslenskt sement ehf. kienet il-parti operattiva ta' Sementsverksmiðjan hf. meħlusa minn assi u minn ishma żejda għall-produzzjoni tas-siment, f'din id-deċiżjoni, l-Awtorità se tivvaluta l-bejgħ tal-ishma fuq il-merti tiegħu. Dan qed isir peress li l-benefiċjarja potenzjali tal-għajnuna tal-Istat fil-każ tal-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. tkun Íslenskt sement ehf. B'kuntrast, il-benefiċjarja potenzjali ta' kwalunkwe għajnuna tal-Istat possibbli li ngħatat fil-kuntest tar-ristrutturar tal-assi u tal-piżijiet tal-kumpanija li sar mill-Istat b'rabta mal-bejgħ tal-ishma tkun il-produttriċi tas-siment infisha, jiġifieri Sementsverksmiðjan hf. Huwa mingħand din tal-aħħar li l-Istat xtara diversi assi u ħa l-kontroll tal-piżijiet tal-pensjonijiet.

L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE jipprovdi li:

"Ħlief kif provdut mod ieħor f'dan il-Ftehim, kwalunkwe għajnuna mogħtija mill-Istati Membri tal-KE, mill-Istati tal-EFTA jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma, tkun xi tkun, li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti intrapriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti, sakemm taffetwa n-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti, għandha tkun inkompatibbli mal-funzjonament ta' dan il-Ftehim."

Qabel ma jiġi vvalutat jekk dan il-bejgħ kienx jinkludi għajnuna tal-Istati fit-tifsira ta l-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE, l-Awtorità se tindirizza l-argumenti tal-Gvern Iżlandiż li l-preżenza ta' għajnuna tal-Istat tista' tiġi eskluża minħabba l-applikazzjoni tal-Kapitolu 18B tal-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna tal-Istat dwar "elementi ta' għajnuna tal-Istat f'bejgħ ta' art jew ta' bini minn awtoritajiet pubbliċi".

1.1. *Il-Kapitolu 18B tal-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna tal-Istat rigward "elementi ta' għajnuna tal-Istat f'bejgħ ta' art jew ta' bini minn awtoritajiet pubbliċi".*

Il-Kapitolu 18B tal-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna tal-Istat rigward "elementi ta' għajnuna tal-Istat f'bejgħ ta' art jew ta' bini minn awtoritajiet pubbliċi" jagħti informazzjoni dwar kif l-Awtorità tinterpreta u tapplika d-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ŻEE li jirregola l-għajnuna tal-Istat meta tkun involuta l-valutazzjoni tal-bejgħ ta' art u ta' bini minn awtoritajiet pubbliċi. Jekk jiġu segwiti l-proċeduri li ġew stabbiliti fil-Kapitolu 18B tal-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna tal-Istat li huma relatati mal-bejgħ min-naħa ta' awtoritajiet pubbliċi ta' art u bini, wieħed jippreżumi li fil-bejgħ ma tkun involuta l-ebda għajnuna tal-Istat.

Għalkemm l-awtoritajiet Iżlandiżi nnotifikaw it-termini tat-transazzjoni rigward il-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf., kienu tal-fehma li l-bejgħ sar skont il-Kapitolu 18B tal-Linji ta' Gwida tal-Għajnuna tal-Istat dwar il-bejgħ ta' art u ta' bini. Għalhekk, fl-opinjoni tagħhom, fit-transazzjoni ma kienet involuta l-ebda għajnuna tal-Istat.

Kif diġà ġie ddikjarat fid-deċiżjoni biex tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-Awtorità tqis li l-Kapitolu 18B ma jistax jiġi applikat għal din it-transazzjoni. L-Istat mhux sempliċement biegħ art u bini li kienu proprjetà tiegħu, imma l-ishma li kellu f'intrapriża li kienet 100 % tiegħu li tkompli għaddejja b'ħidmitha. Anki jekk il-Kapitolu 18B kien applikabbli, il-proċeduri hemm deskritti sabiex tkun eskluża l-preżenza tal-għajnuna tal-Istat ma kinux segwiti.

Il-proċedura tat-tfigħ tal-offerti li ġiet segwita f'dan il-każ ma kinitx konformi mad-definizzjoni prevista taħt il-Kapitolu 18B.2.1(1)(b). L-ewwelnett, ma ngħatatx biżżejjed pubbliċità. Barra minn hekk, serviet biss biex tingħażel xerrejja futura li magħha l-prezz ġie negozjat wara. Rigward il-proċedura alternattiva, jiġifieri il-bejgħ fuq il-bażi ta' evalwazzjoni ta' espert indipendenti, f'dan il-każ, espert, MP-verðbréf hf. stabbilixxa l-valur ta' likwidazzjoni ta' Sementsverksmiðjan hf. Madankollu, il-kumpanija nbiegħet bħala intrapriża profittabbli, li jimplika li l-produzzjoni tas-siment għandha tkompli. F'dawn iċ-ċirkustanzi, wieħed ma jistax jippreżumi li l-valur ta' likwidazzjoni kien jikkorrispondi għall-valur fis-suq u tiġi eskluża l-għajnuna tal-Istat mingħajr valutazzjoni ulterjuri.

Jidher li hemm il-ħtieġa li jkun iddeterminat liema huwa l-metodu l-aktar xieraq sabiex ikun iddeterminat il-valur fis-suq ta' kumpanija f'dawn iċ-ċirkustanzi, u sabiex titwettaq valutazzjoni fid-dawl ta' dan. Analiżi oħra ta' x'jista' jkun il-prezz fis-suq tal-kumpanija u dwar jekk kinitx involuta kwalunkwe għajnuna tal-Istat fil-bejgħ tal-ishma ta' Sementsverksmiðjan hf. lil Íslenskt sement ehf. tingħata f'dan li ġej.

1.2 *Il-valutazzjoni ta' għajnuna tal-Istat tal-bejgħ tal-ishma*

Sabiex miżura titqies bħala għajnuna tal-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, trid tissodisfa l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:

— l-għajnuna tikkostitwixxi vantaġġ selettiv,

— l-għajnuna tingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat,

— l-għajnuna tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni,

— u taffetwa n-negozju bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE.

Vantaġġ selettiv – il-prezz fis-suq

Miżura li tagħti vantaġġ lil ċerti benefiċjarji speċifiċi, u li ma tkunx miżura ġenerali, tissodisfa l-ewwel kundizzjoni mill-kundizzjonijiet li ssemmew aktar 'il fuq. Huwa għalhekk meħtieġ li jkun stabbilit jekk l-intrapriża kkonċernata tirċevix vantaġġ ekonomiku li kieku ma kinitx tikseb f'kundizzjonijiet normali tas-suq ([10]). L-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE ma jagħmilx distinzjoni bejn l-interventi tal-Istat b'referenza għall-kawżi jew għall-għanijiet tagħhom, imma jiddefinihom b'referenza għall-effetti tagħhom ([11]). Għalhekk, il-kunċett ta' għajnuna huwa wieħed oġġettiv, bit-test ikun jekk miżura ta' Stat tagħtix vantaġġ lil intrapriża partikolari jew lil aktar minn intrapriża partikolari waħda ([12]).

L-akkwist tal-assi għal prezz taħt il-valur tas-suq tagħhom, fil-prinċipju, huwa vantaġġ. Għalhekk, li kieku Íslenskt sement ehf. ħallset għal Sementsverksmiðjan hf. prezz li kien jikkorrispondi għall-valur fis-suq tal-kumpanija, kieku ma kienet tikseb l-ebda vantaġġ minn din it-tranżazzjoni.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk Íslenskt sement ehf. ħallsitx prezz għall-ishma tal-Istat li kien taħt il-valur fis-suq tagħhom, l-Awtorità fdat il-valutazzjoni tal-valur fis-suq ta' Sementsverksmiðjan hf., fil-perjodu meta seħħ il-bejgħ, f'idejn espert indipendenti. L-espert indipendenti vvaluta l-valur fis-suq tal-kumpanija ladarba t-transazzjoni kollha kienet ikkompletata, fejn qies l-intrapriża li qed tkompli b'ħidmitha. Dan ifisser li l-espert indipendenti vvalutata l-valur fis-suq ta' Sementsverksmiðjan hf. wara li t-Teżor Nazzjonali tal-Iżlanda kien xtara mill-ġdid uħud mill-assi tal-kumpanija li ma kinux meħtieġa għall-produzzjoni tas-siment, ([13]) u l-Ministeru tal-Finanzi kien ħa l-kontroll tal-piżijiet relatati mal-pensjonijiet tal-kumpanija. Fi kliem ieħor, l-espert indipendenti vvaluta l-valur fis-suq ta' dak li Íslenskt sement ehf. xtrat tassew, *jiġifieri* l-ishma f'kumpanija mneżża'.

Fl-opinjoni tal-espert indipendenti, l-uniku metodu li jista' jagħti idea ta' dak li jista' jkun il-valur ġust tal-kumpanija fi transazzjoni bħall-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. huwa l-metodu li jiġi skontat d-dħul u l-ħruġ tal-flus futur stmat (valur li qed jintuża) ([14]). Il-valur nett preżenti tad-dħul u l-ħruġ tal-flus mistennija minn użu futur ta' assi fiss jirrappreżenta l-kalkolu ta' investitur għar-riżultat ta' proġett potenzjali. Il-projezzjonijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-flus għalhekk jistgħu jvarjaw mal-istrateġiji ta' kull investitur individwali. Għalhekk, fl-opinjoni tal-espert indipendenti, l-aħjar metodu li jintuża kien li tiġi identifikata l-firxa ta' riżultati possibbli għall-valur li qed jintuża, fejn jiġu stabbiliti limitu massimu u limitu minimu għar-riżultati. L-awtoritajiet Iżlandiżi ntalbu jipprovdu l-informazzjoni u l-kalkoli meħtieġa sabiex ikunu stabbiliti dawn il-limiti ([15]) ħalli tinkiseb idea tal-valur ġust tal-attività ċentrali, li hija l-produzzjoni tas-siment. Ladarba l-valur operattiv jkun ġiet stabbilit, kwalunkwe ass miżjud li ma kienx jappartjeni lill-attività ċentrali (bħal kwalunkwe assi finanzjarju) kien jirrappreżenta żjieda mal-valur, u kwalunkwe piż (bħal kwalunkwe dejn jew obbligu finanzjarju ieħor) kien jirrappreżenta tnaqqis.

Ix-xenarji tad-dħul u l-ħruġ tal-flus li ġew ippreżentati mill-awtoritajiet Iżlandiżi

Fuq din il-bażi, mat-talba tal-espert indipendenti, l-awtoritajiet Iżlandiżi ntalbu jipproduċu żewġ xenarji, Xenarju I li kien jassumi importazzjonijiet tas-siment lejn l-Iżlanda bi 30 % tas-suq totali, u Xenarju II li kien jassumi li ma kienx ikun hemm importazzjonijiet. Ix-Xenarju I (dak li ssejjaħ ix-xenarju pessimistiku) ipproduċa valur nett preżenti (minn hawn 'il quddiem: VNP) negattiv tad-dħul u l-ħruġ tal-flus liberi futuri ta' madwar ISK 1 000 miljun, u x-Xenarju II (dak li ssejjaħ ix-xenarju ottimistiku) VNP pożittiv ta' dħul u ħruġ tal-flus liberi futuri ta' madwar ISK 200 miljun. Jekk jiġu aġġustati l-miżuri tal-VNP billi jitnaqqas id-dejn tul perjodu twil ta' żmien u jiżdiedu l-assi netti kurrenti żejda, il-Gvern Iżlandiż wasal għal valuri smati ta' ishma ta' ISK – 897 miljun għax-Xenarju I u ISK 307 miljun għax-Xenarju II. L-użu tal-kapaċità kien deċiżiv għall-varjazzjoni fir-riżultat. Ġie stmat li l-ispiża tal-produzzjoni varjabbli għal kull tunnellata tammonta bejn ISK 5 749 fi snin b'użu sħiħ tal-kapaċità (130 000 tunnellata) u ISK 7 479 fi snin b'użu ferm baxx tal-kapaċità (70 000 tunnellata). Għalhekk kien hemm effett doppju ta' ekonomija ta' skala fil-kalkolu, peress li kemm il-varjabbli kif ukoll, b'definizzjoni, l-ispejjeż fissi għal kull tunnellata jonqsu mal-volum akbar prodott ([16]).

([10]) Kawża C-39/94 *Syndicat français de l'Express international (SFEI) u ohrajn vs La Poste u ohrajn* [1996] ECR I- 3547, paragrafu 60; Kawża C-256/97 *DM Transport* [1999] ECR I-3913, paragrafu 22; Kawżi CT-116/01 u T-118/01 *P&O Ferries* vs Il-*Kummissjoni* [2003] ECR, paragrafu 112.

([11]) Kawża C-56/93 Il-*Belġju* vs Il-*Kummissjoni* [1996] ECR I-723, paragrafu 79; u Kawża C-241/94 *Franza* vs Il-*Kummissjoni* [1996] ECR I-4551, paragrafi 19 u 20.

([12]) Kawża T-67/94 *Ladbroke Racing* vs Il-*Kummissjoni* [1998] ECR II-1, paragrafu 52; u Kawża T-46/97 *SIC* vs Il-*Kummissjoni* [2000] ECR II-2125, paragrafu 83.

([13]) Kif previst fil-Ftehim dwar ix-Xiri tal-Ishma bejn il-Gvern tal-Iżlanda u Íslenskt sement ehf. u li twettaq fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tal-Kuntratt ta' Xiri bejn Sementsverksmiðjan hf. u t-Teżor.

([14]) Ir-rapport tal-espert, paġna 2.

([15]) L-ittra tal-Awtorità tat-12 ta' Lulju 2005.

([16]) Ir-rapport tal-espert, paġna 8.

Fl-ittra mehmuża, l-awtoritajiet Iżlandiżi argumentaw li x-xenarju ottimistiku ma kienx realistiku, peress li kien jassumi li ma kien hemm l-ebda kompetizzjoni fis-suq Iżlandiż tas-siment. Minħabba l-investmenti f'faċilitajiet mill-kompetitriċi Daniża Aalborg Portland, tqies li ma kienx probabbli li l-kompetizzjoni fis-suq Iżlandiż tas-siment kienet se tieqaf. L-awtoritajiet Iżlandiżi ma kkummentawx dwar ir-realiżmu tax-xenarju l-aktar pessimistiku.

L-espert ikkritika kif fil-mudelli li ġew ippreżentati mill-awtoritajiet Iżlandiżi intużat rata għolja ta' skont (li kienet tinkludi primjum ta' riskju). Rata għolja ta' skont tista' tissottostima il-piż li segwa minn dħul u ħruġ tal-flus negattiv u b'hekk isebbaħ il-prospetti b'mod mhux xieraq. Minkejja din il-kritika, għal raġunijiet ta' konsistenza, tul l-analiżi kollha fix-xenarji differenti proposti, intużat ir-rata reali ta' skont ta' 12.4 % li kienet issuġġerita mill-awtoritajiet Iżlandiżi.

Il-formulazzjoni mill-ġdid tax-xenarju pessimistiku

Ix-Xenarju I wera intrapriża li qed tagħmel telf kontinwu tul perjodu ta' tletin sena, sitwazzjoni li tidher għalkollox irrazzjonali. Meta jitqies li l-intenzjoni segwita mill-espert indipendenti bl-istabbiliment ta' xenarju pessimistiku kienet li jkun iddeterminat limitu minimu għal riżultati possibbli, ix-Xenarju I li ġie ppreżentat mill-awtoritajiet Iżlandiżi kien jidher biċ-ċar li ma kienx adegwat ([17]). Kwalunkwe deċiżjoni razzjonali dwar investiment hija bbażata fuq aspettattiva ta' qligħ pożittiv. Tqum il-mistoqsija dwar kif investitur razzjonali jirreaġixxi jekk il-qligħ pożittiv mistenni ma jimmaterjalizzax ruħu. Imġiba komuni f'każi ta' din ix-xorta tkun li, fid-dawl ta' aspettattivi riveduti, jiġi minimizzat it-telf.

Għaldaqstant, l-espert indipendenti fformula mill-ġdid ix-xenarju pessimistiku fuq is-suppożizzjoni ta' perjodu ta' ħames snin b'użu baxx ta' kapaċità (82 000 tunnellati fis-sena, daqs il-medja tax-Xenarju I), bi prezzijiet baxxi tal-bejgħ miżmuma fuq il-livell tal-2003 (ISK 7 071 għal kull tunnellata), u bis-suppożizzjoni li l-kumpanija tkun likwidata wara ħames snin ta' ħidma. Wieħed jassumi wkoll li d-dħul u l-ħruġ tal-flus negattiv kollu jinġarru mis-sidien. Skont l-espert, din tidher strateġija raġonevoli għax-xenarju tal-agħar każ peress li kwalunkwe deċiżjoni razzjonali dwar investiment tkun ibbażata fuq aspettativa ta' qligħ pożittiv u fuq il-possibbiltà li jkun hemm reazzjoni jekk dan il-qligħ pożittiv ma jimmaterjalizzax ruħu.

Xenarju tal-agħar każ li għandu jwassal għat-twaqqif tal-produzzjoni tas-siment wara ħames snin għandu jikkawża attività ta' tindif immedjatament wara. Skont il-ftehim tal-kera li ġie ffirmat bejn Sementsverksmiðjan hf. u l-belt ta' Akranes f' Lulju 2003, "jekk il-produzzjoni tas-siment tieqaf għal perjodu kontinwu ta' 24 xahar, Iceland Cement Ltd. trid tħallas għat-tiġrif tal-maħżen tal-materjali" ([18]). Fuq il-bażi tal-informazzjoni provduta mill-awtoritajiet Iżlandiżi, ġie stmat li l-ispejjeż tat-tindif ilaħħqu ISK 460 miljun, preżumibbilment bil-prezzijiet kurrenti ([19]).

Fuq din il-bażi, ix-xenarju tal-agħar każ instab billi ġew simulati ħames snin ta' produzzjoni b'livelli baxxi u bi prezzijiet tas-siment miżmuma fil-livelli tal-2003. Il-valur nett preżenti tad-dħul u l-ħruġ tal-flus relatat kien aġġustat bl-assi u bil-piżijiet barra miċ-ċiklu ta' produzzjoni fid-data tax-xiri. Ġew miżjuda l-effett nett ta' użu alternattiv tal-assi fissi (bħal għall-importazzjoni tas-siment) u l-ispejjeż tat-tindif.

Skont il-formulazzjoni mill-ġdid li saret mill-espert indipendenti, simulazzjoni ta' dħul u ħruġ ta' flus ibbażata fuq dawn il-premessi tagħti dħul u ħruġ ta' flus negattiv minn operazzjonijiet ta' ISK 144 miljun fis-sena matul ħames snin, u valur nett preżenti ta' nefqa negattiva ta' ISK 360 miljun fis-sitt sena. Il-valur skontat ta' dan id-dħul u l-ħruġ ta' flus kien ikkalkulat li jlaħħaq ISK – 691 miljun, u wara l-aġġustament għall-elementi tal-karta tal-bilanċ barra ċ-ċiklu operattiv, il-valur tal-investiment kien iddeterminat li jlaħħaq ISK – 332 miljun.

Il-formulazzjoni mill-ġdid tax-xenarju ottimistiku

L-iskop tax-xenarju ottimistiku kien li jiġi stabbilit limitu massimu għar-riżultati possibbli. Il-karatteristika essenzjali ta' xenarju ottimistiku kienet li l-operazzjonijiet għandhom jilħqu bilanċ wara ħames snin. Il-punt ta' tluq kienet l-ewwel sena operattiva wara l-privatizzazzjoni, bi produzzjoni li wieħed jassumi tilħaq l-100 000 tunnellati, bi prezz tas-siment ta' ISK 7 489, bi spejjeż varjabbli kif ġie ddikjarat fil-formula tal-ispejjeż (ISK 6 381 għal kull tunnellata), u bi spejjeż ġenerali kif wieħed jassumi li kien hemm fix-Xenarju I (ISK 127 miljun). Wieħed jassumi li l-effetti tal-flus kontanti annwali tal-investimenti mill-ġdid kienu ta' ISK 40, li jistgħu saħansitra jeċċedu d-deprezzamenti. Fuq il-bażi ta' dawn is-suppożizzjonijiet, kien ikkalkulat li d-dħul u l-ħruġ nett tal-flus għall-ewwel sena kien ta' ISK - 38 miljun. Sussegwentement, id-dħul u l-ħruġ nett tal-flus tul ħames snin għandhom jikkonverġu gradwalment lejn iż-żero fis-sitt sena.

Il-valur nett preżenti tad-dħul u l-ħruġ tal-flus tal-ewwel ħames snin ta' ħidma kien stmat li jlaħħaq ISK – 59 miljun. Jekk wieħed jassumi li wara dan, il-profitt operattiv ikun qrib iż-żero, il-valur preżenti tal-operazzjonijiet fis-snin suċċessivi kien iffissat għal żero. F'dan ix-xenarju, l-espert assuma li kien raġonevoli li t-telf fiskali trasferit għas-sena ta' wara ([20]) ma jiġix esplojtat matul l-ewwel snin. Ir-riżultat tal-operazzjonijiet kien aġġustat bl-elementi tal-karta tal-bilanċ barra ċ-ċiklu operattiv (hekk kif sar fix-xenarju pessimistiku) u rriżulta f'valur nett preżenti ta' ISK 300 miljun. L-espert għal darb'oħra uża rata skontata ta' 12,4 %, bħal fix-xenarju pessimistiku. Huwa ġibed l-attenzjoni għall-fatt li din ir-rata tirrifletti biss l-ispiża tal-ishma (qabel it-taxxa), filwaqt li l-proġett ta' investiment skont dan ix-xenarju normalment ikun fil-parti l-kbira iffinanzjat

([17]) Ir-rapport tal-espert, paġna 8.
([18]) Il-kuntratt tal-kera bejn il-belt ta' Akranes u Sementsverksmiðjan hf. tat-2 ta' Ottubru 2003.
([19]) Ir-rapport tal-espert, paġna 9.
([20]) Telf mit-taxxa fuq id-dħul f'sena waħda jista' jintuża biex jirrifonda t-taxxi li tħallsu preċedentement fi kwalunkwe waħda mis-snin reċenti jew jista' jintuża biex jitnaqqsu t-taxxi dovuti fi kwalunkwe waħda mis-snin li ġejjin.

bid-dejn, biex b'hekk titbaxxa r-rata totali meħtieġa tal-qligħ. Rata ta' skont aktar baxxa għandha tipproduċi riżultat inqas pożittiv, peress li d-dħul u l-ħruġ tal-flus inkluż huwa kollu negattiv. Madankollu, huwa ġibed l-attenzjoni għall-fatt li huwa importanti li konsistentement tintuża l-istess rata tul ix-xenarji kollha.

Sommarju

Fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet li ssemmew aktar 'il fuq, fl-opinjoni tal-espert indipendenti, kien xieraq li jiġu ddeterminati limitu massimu u limitu minimu għall-kejl tal-valur ġust billi ġie skontat id-dħul u l-ħruġ futur tal-flus. Il-limitu minimu għandu jkun relatat max-xenarju pessimistiku, fejn il-produzzjoni tas-siment kellha tiġi interrotta wara xi snin ta' ħidma, li matulhom is-sidien jiġu persważi li l-ħidma ma tkunx profittabbli. Barra mit-telf tar-riżorsi mis-snin li matulhom sar it-telf, il-kumpanija jkollha tassumi l-ispejjeż ta' tindif meta ttemm il-produzzjoni ([21]). Fuq il-lat pożittiv f'dan ix-xenarju kien hemm stokks inizjali u riżorsi finanzjarji, li għandhom jagħtu qligħ pożittiv meta jiġu likwidati, kif ukoll użu alternattiv ta' wħud mill-assi fissi. Fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-flus, ġie stmat li l-aktar valur baxx fis-suq ta' Sementsverksmiðjan hf. kien ilaħħaq ISK - 322 miljun.

Il-limitu massimu għandu jkun stabbilit mix-xenarju ottimistiku, fejn tqies li l-profittabbiltà tal-produzzjoni tas-siment kellha gradwalment titjieb u wara ftit snin kellu jintlaħaq livell fejn la jkun hemm telf u lanqas qligħ. Bħal fix-xenarju pessimistiku, is-snin inizjali kellhom iġibu telf li jnaqqas ir-riżorsi mill-kumpanija, għalkemm fuq livell aktar modest. Il-valur nett preżenti tal-operazzjonijiet wara li jintlaħaq livell fejn la jkun hemm telf u lanqas qligħ bil-wisq probabbli kien negliġibbli u għalhekk kien injorat fil-kalkolu. F'dan ix-xenarju wkoll, kien hemm kontribuzzjonijiet pożittivi mill-istokks inizjali u mill-elementi finanzjarji. Fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet tad-dħul u l-ħruġ tal-flus, l-ogħla valur fis-suq ta' Sementsverksmiðjan hf. kien stmat li jlaħħaq ISK 300 miljun.

Il-kalkoli tad-dħul u l-ħruġ tal-flus għalhekk jissuġġerixxu intervall ta' valur ġust pjuttost simmetriku madwar iż-żero b'riżultati raġonevolment probabbli f'firxa ta' madwar ± ISK 300 miljun.

L-interessi privati

F'uħud mill-każi, transazzjoni miftiehma tista' tiddevja minn valur fis-suq osservabbli jew ipotetiku peress li parti waħda għat-transazzjoni jkollha interessi privati identifikabbli f'dik it-transazzjoni partikolari. Fl-opinjoni tal-espert, fl-akkwist minn Íslenskt sement ehf. tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. deher biċ-ċar li kienu involuti interessi privati, li setgħu influwenzaw il-prezz tat-transazzjoni.

Íslenskt sement ehf. kien konsorzju ta' tliet kumpaniji li nħoloq biex jiġu akkwistati l-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf.: BM Valla, Björgun u Norcem. BM Valla hija ditta kbira tal-kostruzzjoni fl-Iżlanda u xerrejja kbira tas-siment. Skont l-informazzjoni provduta fil-laqgħa bejn ir-rappreżentanti tal-Awtorità, l-espert indipendenti u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet Iżlandiżi u Íslenskt sement ehf., BM Valla għandha żewġ interessi strateġiċi fl-impjant tas-siment Iżlandiż. Wieħed huwa li tiżgura li l-provvista tas-siment fis-suq Iżlandiż mhux se tkun iddominata minn fornitur wieħed biss. It-tieni interess huwa li żżomm żvilupp u kompetentza tal-prodott lokali, għall-benefiċċju tul perjodu twil ta' żmien għall-industrija tal-kostruzzjoni, b'mod partikolari, billi jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tekniċi tas-suq tas-siment Iżlandiż.

Björgun hija l-fornitriċi ta' ramel magħmul minn bċejjeċ ta' qxur ta' frott tal-baħar (*shell sand*) lil Sementsverksmiðjan hf. Jekk il-produzzjon lokali tas-siment tieqaf, Björgun ma jkollha l-ebda żbokk alternattiv għall-prodotti tagħha.

Norcem hija produttriċi Norveġiża tas-siment, proprjetà tal-grupp Ġermaniż Heidelberger Zement. Norcem jista' jkollha interessi strateġiċi u kompetittivi fit-tisħiħ tal-preżenza tagħha fis-suq Iżlandiż.

Fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-konsorzju tal-bejjiegħa, f'dan il-każ, l-espert indipendenti jqis li l-prezz ta' skambju miftiehem ġie influwenzat mill-eżistenza ta' interessi privati.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-espert indipendenti kkonkluda li ([22]) "għalkemm naħseb li l-prezz miftiehem ta' 68 m ISK huwa pjuttost għoli, jista' jkun hemm elementi fis-sitwazzjoni tas-sidien li jżidu l-probabbiltà ta' rkupru tal-ispiża ta' investiment".

L-Awtorità vvalutat il-fatti u l-figuri li ġew ippreżentati mill-awtoritajiet Iżlandiżi u skrutinat bir-reqqa l-valutazzjoni u r-rapport li ġew ippreżentati mill-espert indipendenti. L-Awtorità sabet li l-analiżi tal-espert tirrappreżenta mod ġust kif ikun stabbilit il-valur ta' Sementsverksmiðjan hf. Kif diġà ġie indikat fid-Deċiżjoni biex tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali, id-Deċiżjoni Nru 421/04/COL, wieħed ma jistax jassumi li l-valur ta' likwidazzjoni ta' kumpanija li ġie previst li se tkompli taħdem jirrappreżenta l-valur fis-suq tal-kumpanija. Skont il-fehma tal-espert indipendenti, l-Awtorità tqis li analiżi tad-dħul u l-ħruġ tal-flus skontat huwa mod xieraq biex ikun ikkalkulat il-valur ta' intrapriża bħal dik f'dan il-każ. L-Awtorità taħseb, madankollu, li valutazzjoni tal-valur tal-kumpanija

([21]) Kif issemma aktar 'il fuq, l-obbligu morali sempliċi tal-Istat li jnaddaf is-sit tal-produzzjoni f'Akranes ġie ttrasformat f'obbligu legali impost fuq Sementsverksmiðjan hf. bil-firma tal-kuntratti tal-kera għall-art f'Akranes bejn il-kumpanija u l-belt ta' Akranes.

([22]) Ir-rapport tal-espert, paġna 13.

fil-perjodu tat-transazzjoni ovvjament tkun soġġetta għal inċertezza konsiderevoli. Għalhekk, fil-fehma tal-Awtorità, sabiex ikun stmat il-valur ta' kumpanija jidher li huwa raġonevoli li jiġu studjati xenarji differenti, hekk kif għamel l-espert, ħalli tkun stabbilita firxa li fiha jkun iġġustifikat li wieħed jassumi li jinsab il-valur. Il-prezz tal-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. kien fil-firxa stabbilita u saħansitra 'l fuq mill-valur nofsani ta' madwar żero.

Barra minn hekk, l-awtoritajiet Iżlandiżi ddeterminaw li l-valur ta' likwidazzjoni tal-kumpanija kien jikkorrispondi għal ISK 69.6 miljun. Ftehim bejn il-Belt ta' Akranes u Sementsverksmiðjan hf. li jġib id-data tal-31 ta' Lulju 2003 jiddikjara li: "jekk il-produzzjon tal-gagazza tieqaf għal perjodu kontinwu ta' 24 xahar, Iceland Cement Ltd trid tħallas għat-tiġrif tal-maħżen tal-materjali". B'hekk il-valur ta' likwidazzjoni ta' Sementsverksmiðjan hf. kien aktar baxx minn ISK 69.6 miljun peress li jkollhom jiġu miżjuda l-ispejjeż tat-tiġrif tal-maħżen tal-materjali, kif ġie stabbilit fil-ftehim legali li ssemma' aktar 'il fuq ([23]). B'hekk il-prezz li Íslenskt sement ehf. ħallset għall-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. kien ogħla mill-valur ta' likwidazzjoni tal-kumpanija.

2. **Konklużjoni**

Fuq il-bażi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-Awtorità ma tistax tikkonkludi li l-kumpanija nbiegħet taħt il-valur tas-suq. Għalhekk, l-Awtorità ma tistax tikkonkludi li Íslenskt sement ehf., bħala l-kumpanija mwaqqfa mill-grupp ta' investituri biex jixtru l-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf., kisbet vantaġġ ekonomiku fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

Skont l-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE, iridu jiġu sodisfatti erba' kundizzjonijiet kumulattivi sabiex miżura tikkostitwixxi għajnuna tal-Istat. Fuq il-bażi tal-valutazzjoni li saret aktar 'il fuq, l-Awtorità ma sabitx raġunijiet sabiex tinvestiga kwalunkwe waħda mit-tliet kundizzjonijiet l-oħra li ġew elenkati aktar 'il fuq biex miżura tikkostitwixxi għajnuna tal-Istat. Peress li Íslenskt sement ehf. ma rċeviet l-ebda vantaġġ, l-Awtorità tqis li l-bejgħ tal-ishma li l-Istat kellu fi Sementsverksmiðjan hf. lill-grupp ta' investituri Íslenskt sement ehf. mhux għajnuna tal-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61(1) tal-Ftehim ŻEE.

L-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni sabiex tingħalaq l-investigazzjoni dwar il-bejgħ tal-ishma tal-Istat lil Íslenskt sement ehf. għall-prezz ta' ISK 68 miljun, parti mill-investigazzjoni formali miftuħa permezz tad-Deċiżjoni tal-Awtorità Nru 421/04/COL u estiża permezz tad-Deċiżjoni Nru 367/06/COL, ma tippreġudikax ir-riżultat tal-bqija tal-investigazzjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA tqis li l-bejgħ min-naħa tal-Istat Iżlandiż tal-ishma li kellu fi Sementsverksmiðjan hf. lil Íslenskt sement ehf. għal prezz ta' ISK 68 miljun mhux għajnuna tal-Istat fit-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Iżlanda.

Artikolu 3

Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Novembru 2006

Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA,

Bjørn T. GRYDELAND	Kristján A. STEFÁNSSON
President	*Membru tal-Kulleġġ*

([23]) Fil-valutazzjoni tal-valur ta' likwidazzjoni mwettqa minn MP Verdbref f'Marzu 2003, l-ispejjeż assoċjati mat-twaqqigħ u mat-tindif tal-impjant tal-fabbrika (il-bini u l-makkinarju) kienu stmati li jlaħħqu ISK 460 miljun. Anki jekk din il-figura ma tkunx assolutament korretta, tagħti idea li hemm piżijiet fuq Sementsverksmiðjan li jistgħu jbaxxu konsiderevolment il-valur ta' likwidazzjoni stmat.

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 000 EUR fis-sena (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	100 EUR fix-xahar (*)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	1 200 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	700 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	70 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	400 EUR fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	40 EUR fix-xahar
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	500 EUR fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar)
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	50 EUR fis-sena

(*) Il-prezz kull kopja:

	bi 32 paġna:	6 EUR
	minn 33 sa 64 paġna:	12 EUR
	aktar minn 64 paġna:	Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT